Fl-applikazzjoni tal-metodu, id-dejta mdaħħla għandha tirrifletti l-użu attwali. B'mod ġenerali ma għandu jkun hemm ebda dipendenza fuq valuri mdaħħlin prestabbiliti jew suppożizzjonijiet. B'mod speċifiku, ir-rotot tat-titjira derivati minn dejta mir-radar sabiex jinkisbu r-rotot tat-titjira għandhom jintużaw kull meta jkunu jeżistu u jkunu ta' kwalità suffiċjenti. Valuri u suppożizzjonijiet prestabbiliti mdaħħlin huma aċċettati, pereżempju, sabiex jintużaw rotot immudellati minflok rotot tat-titjira derivati mir-radar, jekk il-ġbir ta' dejta reali jkun marbut ma' spejjeż għoljin wisq.

Kwalità tas-softwer użat għall-kalkoli

Is-softwer użat biex isiru l-kalkoli għandu juri li huwa konformi mal-metodi deskritti hawnhekk permezz ta' ċertifikazzjoni tar-riżultati minn każijiet eżaminati.

▼M2

2.7. **Storbju tal-inġenji tal-ajru**

2.7.1. *Għan u kamp ta' applikazzjoni tad-dokument*

Il-mapep tal-kontorni jintużaw biex jindikaw il-firxa u d-daqs tal-impatt tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru madwar l-ajruporti, u dak l-impatt jiġi indikat b'valuri ta' indiċi jew metrija tal-ħoss speċifikati. Kontorn huwa linja li matulha l-valur tal-indiċi jibqa' kostanti. Il-valur tal-indiċi jaggrega b'xi mod l-eventi ta' storbju tal-inġenji tal-ajru individwali kollha li jseħħu matul perjodu speċifikat ta' żmien, normalment imkejjel f'jiem jew xhur.

L-istorbju fil-punti fuq l-art minn inġenji tal-ajru li jtiru barra u qrib ajrudrom jiddependi minn ħafna fatturi. Primarjament, fost dawn hemm it-tipi ta' ajruplan u l-impjant tal-enerġija tagħhom; il-proċeduri ta' ġestjoni tal-potenza, il-flap u l-veloċità fl-ajru użati fuq l-ajruplani stess; id-distanza mill-punti kkonċernati sad-diversi rotot tat-titjira; u t-topografija u t-temp lokali. L-operazzjonijiet tal-ajruport ġeneralment jinkludu tipi differenti ta' ajruplani, diversi proċeduri tat-titjira u firxa ta' ponderazzjonijiet operattivi.

Il-kontorni huma ġġenerati billi jiġu kkalkolati s-superfiċji tal-valuri tal-indiċi tal-istorbju lokali b'mod matematiku. Dan id-dokument jispjega fid-dettall kif wieħed għandu jikkalkula, f'punt ta' osservatur, il-livelli ta' event ta' storbju ta' inġenju tal-ajru individwali, kull wieħed għal titjira jew tip ta' titjira speċifika tal-inġenju tal-ajru, li mbagħad trid tinstab il-medja tagħhom b'xi mod, jew jiġu *akkumulati*, biex jinstabu l-valuri tal-indiċi f'dak il-punt. Is-superfiċje meħtieġa tal-valuri tal-indiċi hija ġġenerata billi sempliċiment jiġu ripetuti l-kalkoli skont il-bżonn għal movimenti differenti tal-inġenju tal-ajru — filwaqt li tingħata attenzjoni sabiex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza billi jiġu esklużi eventi mhux "sinifikanti għall-istorbju" (jiġifieri li ma jikkontribwixxux wisq għat-total).

Meta l-attivitajiet li jiġġeneraw l-istorbju assoċjati ma' operazzjonijiet tal-ajruport ma jikkontribwixxux b'mod materjali għall-espożizzjoni ġenerali tal-popolazzjoni għal storbju tal-inġenju tal-ajru u l-kontorni tal-istorbju assoċjati, dawn jistgħu jiġu esklużi. Dawn l-attivitajiet jinkludu: ħelikopters, taxiing, ittestjar tal-magna u użu ta' unitajiet ta' potenza awżiljarja. Dan mhux bilfors ifisser li l-impatt tagħhom mhuwiex sinifikanti u meta jseħħu dawn iċ-ċirkustanzi tista' ssir valutazzjoni tas-sorsi kif stipulat fil-paragrafu 2.7.21 u 2.7.22.

2.7.2. *Spjegazzjoni tad-dokument*

Il-proċess ta' ġenerazzjoni tal-kontorni tal-istorbju jintwera fil-**Figura 2.7.a.** Il-kontorni huma prodotti għal bosta skopijiet u għandhom it-tendenza li jikkontrollaw ir-rekwiżiti għas-sorsi u l-ipproċessar minn qabel tad-dejta mdaħħla. Kontorni li juru l-impatt storiku tal-istorbju jistgħu jiġu ġġenerati minn rekords attwali ta' operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru — ta' movimenti, piżijiet, rotot tat-titjira mkejlin bir-radar, eċċ. Il-kontorni użati għal finijiet ta' ppjanar tal-ħtieġa fil-ġejjieni jiddependu iktar fuq previżjonijiet — tat-traffiku u trajjettorji tat-titjiriet u l-karatteristiċi tal-prestazzjoni u l-istorbju tal-inġenji tal-ajru tal-ġejjieni.

▼M2

Figura 2.7.a

Il-proċess ta' ġenerazzjoni tal-kontorni tal-istorbju



Ikun xi jkun is-sors tad-dejta dwar it-titjira, kull moviment differenti tal-inġenju tal-ajru, wasla jew tluq, huwa ddefinit f'termini tal-ġeometrija tar-rotta tat-titjira tiegħu u l-emissjoni ta' storbju mill-inġenju tal-ajru waqt li jsegwi dik ir-rotta (movimenti li essenzjalment huma l-istess f'termini ta' storbju u rotta tat-titjira huma inklużi b'sempliċi moltiplikazzjoni). L-emissjoni tal-istorbju tiddependi mill-karatteristiċi tal-inġenju tal-ajru — primarjament fuq il-potenza ġġenerata mill-magni tiegħu. Il-metodoloġija rrakkomandata tinvolvi l-qsim tar-rotta tat-titjira f'segmenti. **Is-Sezzjonijiet 2.7.3 sa 2.7.6** jispjegaw l-elementi tal-metodoloġija u jispjegaw il-prinċipju ta' segmentazzjoni li hija msejsa fuqu; li l-livell ta' storbju ta' event osservat huwa aggregazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mis-segmenti "sinifikanti għall-istorbju" kollha tar-rotta tat-titjira, b'kull kontribuzzjoni li tista' tiġi kkalkolata għaliha. **Is-Sezzjonijiet 2.7.3 sa 2.7.6** jispjegaw ukoll ir-rekwiżiti tad-dejta mdaħħla għall-produzzjoni ta' sett ta' kontorni tal-istorbju. L-ispeċifikazzjonijiet dettaljati għad-dejta operattiva meħtieġa huma stipulati fl-**Appendiċi A**.

Kif is-segmenti tar-rotta tat-titjira huma kkalkolati minn dejta mdaħħla ipproċessata minn qabel huwa spjegat fis-**Sezzjonijiet 2.7.7 sa 2.7.13.** Dan jinvolvi applikazzjonijiet ta' analiżi tal-prestazzjoni tat-titjira tal-inġenji tal-ajru, li l-ekwazzjonijiet tagħhom huma spjegati f'iktar dettall fl-**Appendiċi B**. Ir-rotot tat-titjira huma soġġetti għal varjabbiltà sinifikanti — inġenji tal-ajru li jsegwu kwalunkwe rotta huma mifruxin fuq medda minħabba l-effetti tad-differenzi f'kundizzjonijiet atmosferiċi, piżijiet tal-inġenji tal-ajru u proċeduri operattivi, restrizzjonijiet mill-kontroll tat-traffiku tal-arju, eċċ. Dan jingħata kont billi kull rotta tat-titjira tiġi deskritta statistikament — bħala passaġġ ċentrali jew "backbone" (taċ-ċentru) li huwa akkumpanjat minn sett ta' rotot mifruxin. Anki dan huwa spjegat fis-**Sezzjonijiet 2.7.7 sa 2.7.13** b'referenza għal informazzjoni addizzjonali fl-**Appendiċi Ċ**.

Is-**Sezzjonijiet 2.7.14 sa 2.7.19** jistabbilixxu l-istadji li jridu jiġu segwiti meta jiġi kkalkolat il-livell ta' storbju ta' event wieħed — l-istorbju ġġenerat f'punt fuq l-art minn moviment wieħed tal-inġenju tal-ajru. L-**Appendiċi D** jindirizza l-kalkolu mill-ġdid tad-dejta NPD għal kundizzjonijiet mhux ta' referenza. L-**Appendiċi E** jispjega s-sors bipolari akustiku użat fil-mudell sabiex tiġi ddefinita r-radjazzjoni tal-ħoss mis-segmenti ta' rotta tat-titjira b'tul finit.

Minbarra r-rotot tat-titjira rilevanti, l-applikazzjonijiet tar-relazzjonijiet ta' mmudellar fil-Kapitli 3 u 4 jeħtieġu dejta xierqa dwar l-istorbju u l-prestazzjoni għall-inġenju tal-ajru inkwistjoni.

L-istabbiliment tal-livell ta' event għal moviment wieħed tal-inġenju tal-ajru f'punt wieħed ta' osservatur huwa l-kalkolu ta' qofol. Irid jiġi ripetut għal kull moviment tal-inġenju tal-ajru f'kull wieħed mis-sensiela ta' punti prestabbiliti li jkopru l-firxa mistennija tal-kontorni tal-istorbju meħtieġa. F'kull punt, il-livelli tal-event huma aggregati jew tinstab il-medja tagħhom b'xi mod sabiex jinkiseb valur ta' "livell kumulattiv" jew indiċi tal-istorbju. Din il-parti tal-proċess hija deskritta fis-**sezzjonijiet 2.7.20 u 2.7.23 sa 2.7.25.**

▼M2

Is-**Sezzjonijiet 2.7.26 sa 2.7.28** jiġbru fil-qosor l-għażliet u r-rekwiżiti għat-tqegħid tal-kontorni tal-istorbju f'meded ta' valuri ta' indiċi tal-istorbju. Jipprovdu gwida dwar il-ġenerazzjoni u l-postproċessi tal-kontorni.

2.7.3. *Il-kunċett ta' segmentazzjoni*

Għal kwalunkwe inġenju tal-ajru speċifiku, id-database fiha r-relazzjonijiet bażi ta' Storbju-Potenza-Distanza (NPD). Dawn jiddefinixxu, għal titjira dritta kostanti b'*veloċità ta' referenza* f'*kundizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza* speċifikati u f'konfigurazzjoni tat-titjira speċifikata, il-livelli tal-event ta' storbju riċevuti, kemm massimi kif ukoll integrati mal-ħin, eżatt taħt l-inġenju tal-ajru ([1]) bħala funzjoni tad-distanza. Għal finijiet ta' mmudellar tal-istorbju, il-potenza propulsiva tant importanti hija rrappreżentata minn *parametru tal-potenza b'rabta mal-istorbju*; il-parametru normalment użat huwa l-*forza propulsiva netta kkoreġuta*. Il-livelli tal-event bażi stabbiliti mid-database huma aġġustati sabiex l-ewwel nett jagħtu kont lid-differenzi bejn il-kundizzjonijiet atmosferiċi proprji (jiġifieri mmudellati) u dawk ta' referenza u (fil-każ ta' livelli ta' espożizzjoni akustika) il-veloċità tal-inġenju tal-ajru u, it-tieni, għal punti riċeventi li mhumiex eżatt taħt l-inġenju tal-ajru, id-differenzi bejn l-istorbju radjat 'l isfel u lateralment. Din l-aħħar differenza hija dovuta għad-*direttività laterali* (effetti tal-installazzjoni tal-magna) u l-*attenwazzjoni laterali*. Iżda l-livelli tal-event aġġustati hekk għadhom japplikaw biss għall-istorbju totali mill-inġenju tal-ajru f'titjira f'livell kostanti.

Is-*segmentazzjoni* hija l-proċess li bih il-mudell irrakkomandat tal-kontorni tal-istorbju jadatta d-dejta laterali u d-dejta NPD tar-rotta infinita sabiex jiġi kkalkolat l-istorbju li jasal għand riċevitur minn rotta tat-titjira mhux uniformi, jiġifieri waħda li matulha tvarja l-konfigurazzjoni tat-titjira tal-inġenju tal-ajru. Għall-finijiet ta' kalkolu tal-livell ta' pressjoni tal-ħoss ta' event ta' moviment tal-inġenju tal-ajru, ir-rotta tat-titjira hija rrappreżentata minn sett ta' segmenti f'linja dritta biswit xulxin, b'kull wieħed minnhom li jista' jitqies bħala parti finita ta' rotta infinita li għaliha huma magħrufin l-NPD u l-aġġustamenti laterali. Il-livell massimu tal-event huwa sempliċiment l-ikbar wieħed minn fost il-valuri tas-segmenti individwali. Il-livell integrat għall-ħin tal-event ta' storbju sħiħ huwa kkalkolat billi jingħadd l-istorbju riċevut minn numru suffiċjenti ta' segmenti, jiġifieri dawk li jagħmlu kontribuzzjoni sinifikanti għall-istorbju tal-event sħiħ.

Il-metodu biex jiġi stmat kemm jikkontribwixxi storbju segment finit wieħed għal-livell ta' event integrat huwa wieħed purament empiriku. Il-*frazzjoni ta' enerġija F* — l-istorbju ta' segment mogħti bħala sehem mill-istorbju totali tar-rotta infinita — hija deskritta b'espressjoni relattivament sempliċi li tippermetti d-direttività longitudinali tal-istorbju ta' inġenju tal-ajru u d-'dehra' tas-segment għar-riċevitur. Raġuni minnhom għaliex metodu empiriku sempliċi ġeneralment ikun adegwat hija li, bħala regola, ħafna mill-istorbju jiġi mill-eqreb segment, normalment dak biswit — li għalih l-*eqreb punt ta' avviċinament* (CPA) għar-riċevitur jaqa' fis-segment (mhux f'wieħed mit-truf tiegħu). Dan ifisser li l-istimi tal-istorbju minn segmenti mhux biswit jistgħu jibqgħu jiġu stmati iktar ma tikber id-distanza mir-riċevitur mingħajr ma tkun affettwata wisq il-preċiżjoni.

([1]) Proprjament taħt l-inġenju tal-ajru b'mod perpendikolari mal-assi tal-ġwienaħ u d-direzzjoni tat-titjira; meqjusa vertikalment taħt l-inġenju tal-ajru meta jkun f'titjira bla liwjiet (jiġifieri mingħajr inklinazzjoni laterali).

▼M2

2.7.4. *Rotot tat-titjira: Trajjettorji u profili*

Fil-kuntest ta' mmudellar, *rotta tat-titjira* (jew trajjettorja) hija deskrizzjoni sħiħa taċ-ċaqliqa tal-inġenju tal-ajru fl-ispazju u ż-żmien ([1]). Flimkien mal-forza propulsiva (jew parametru ieħor tal-potenza b'rabta mal-istorbju) din hija l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi kkalkolat l-istorbju ġġenerat. It-*trajjettorja tal-art* hija l-projjezzjoni vertikali tar-rotta tat-titjira fuq art ċatta. Dan jingħaqad flimkien mal-*profil tat-titjira* vertikali biex tissawwar ir-rotta tat-titjira 3-D. L-immudellar tas-segmentazzjoni jesiġi li r-rotta tat-titjira ta' kull moviment differenti tal-inġenju tal-ajru tiġi deskritta minn sensiela ta' segmenti dritti biswit xulxin. Il-mod li bih issir is-segmentazzjoni huwa stabbilit minn ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-preċiżjoni u l-effiċjenza — hemm bżonn li r-rotta milwija reali tat-titjira tiġi stmata b'biżżejjed eżattezza filwaqt li jittaffa l-piż komputazzjonali u r-rekwiżiti tad-dejta. Kull segment irid jiġi ddefinit mill-koordinati ġeometriċi tal-punti ta' tmiem tiegħu u l-parametri ta' veloċità u potenza tal-magna assoċjati tal-inġenji tal-ajru (li fuqhom tiddependi l-emissjoni ta' storbju). Ir-rotot tat-titjira u l-potenza tal-magna jistgħu jiġu stabbiliti b'diversi modi, u fost l-iktar metodu komuni huma (a) sinteżi minn sensiela ta' stadji proċedurali u (b) analiżi tad-dejta mkejla tal-profil tat-titjira.

Is-*sinteżi* tar-rotta tat-titjira (a) teħtieġ għarfien dwar (jew suppożizzjonijiet għal) trajjettorji tal-art u kif jinfirxu lateralment, il-proċeduri ta' ġestjoni tal-piż, il-veloċità, il-flaps u l-forza propulsiva tal-inġenju tal-ajru, l-elevazzjoni tal-ajruport, u r-riħ u t-temperatura tal-arja. L-ekwazzjonijiet għall-kalkolu tal-profil tat-titjira mill-parametri ajrudinamiċi u ta' propulsjoni meħtieġa jingħataw fl-**Appendiċi B**. Kull ekwazzjoni fiha koeffiċjenti (u/jew restrizzjonijiet) li huma bbażati fuq dejta empirika għal kull tip speċifiku ta' inġenju tal-ajru. L-ekwazzjonijiet tal-prestazzjoni ajrudinamika fl-**Appendiċi B** jippermettu li tiġi kkunsidrata kwalunkwe taħlita raġonevoli ta' piż operattiv u proċedura tat-titjira ta' inġenju tal-ajru, inklużi operazzjonijiet b'piżijiet gross tal-qtugħ differenti.

L-*analiżi* tad-dejta mkejla (b), eż. mir-reġistraturi tad-dejta dwar it-titjira, ir-radar jew tagħmir ieħor li jittraċċa l-inġenji tal-ajru, tinvolvi "inġinerija b'lura", effettivament treġġigħ lura tal-proċess ta' sinteżi (a). Minflok ma jiġu stmati l-istati tal-inġenju tal-ajru u l-impjant tal-enerġija fit-tmiem tas-segmenti tat-titjira billi jiġu integrati l-effetti tal-forza propulsiva u l-forzi ajrudinamiċi li jaġixxu fuq il-qafas tal-inġenju tal-ajru, il-forzi jiġu stmati billi ssir differenzazzjoni tal-bidliet fl-għoli u l-veloċità tal-qafas tal-inġenju tal-ajru. Il-proċeduri għall-ipproċessar tal-informazzjoni dwar ir-rotta tat-titjira huma deskritti fis-sezzjoni 2.7.12.

F'applikazzjoni finali ta' mmudellar tal-istorbju, kull titjira individwali tista' tkun, fit-teorija, irrappreżentata b'mod indipendenti; dan jiggarantixxi kunsiderazzjoni preċiża għad-dispersjoni spazjali tar-rotot tat-titjira — li tista' tkun ferm sinifikanti. Iżda biex iż-żmien għat-tħejjija u l-kompjuterizzazzjoni tad-dejta jinżammu f'limiti raġonevoli, hija prattika normali li meded ta' rotta tat-titjira jkunu rappreżentati minn għadd żgħir ta' "subtrajjettorji" spostati lateralment. (Dispersjoni vertikali normalment tkun irrappreżentata b'mod sodisfaċenti billi jingħata kont lill-effetti ta' diversi piżijiet tal-inġenju tal-ajru fuq il-profili vertikali.)

([1]) Il-ħin jingħata kont permezz tal-veloċità tal-inġenju tal-ajru.

▼M2

2.7.5. *Storbju u prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru*

Id-database tal-ANP ipprovduta fl-Appendiċi I tkopri ħafna mit-tipi eżistenti ta' inġenji tal-ajru. Għal tipi jew varjanti ta' inġenji tal-ajru li għalihom bħalissa ma hemmx dejta elenkata, dawn jistgħu jkunu rappreżentati aħjar min dejta għal inġenji tal-ajru oħrajn, spiss simili, li huma elenkati.

Id-database tal-ANP tinkludi "stadji proċedurali" prestabbiliti biex ikunu jistgħu jinbnew il-profili tat-titjira għal tal-inqas proċedura komuni waħda ta' eliminazzjoni tal-istorbju tat-tluq. Entrati iktar riċenti fid-database jkopru żewġ proċeduri differenti ta' eliminazzjoni tal-istorbju tat-tluq.

2.7.6. *Operazzjonijiet tal-ajruport u tal-inġenju tal-ajru*

Dejta speċifika għall-każ li minnha jiġu kkalkolati l-kontorni tal-istorbju għal xenarju ta' ajruport partikolari tinkludi din li ġejja.

Dejta ġenerali dwar l-ajruport

— Il-punt ta' referenza tal-ajrudrom (biex sempliċiment jinstab l-ajrudrom f'koordinati ġeografiċi xierqa). Il-punt ta' referenza huwa stabbilit bħala l-oriġini tas-sistema ta' koordinati lokali Karteżjana użata mill-proċedura ta' kalkolu.

— L-altitudni ta' referenza tal-ajrudrom (= altitudni tal-punt ta' referenza tal-ajrudrom). Din hija l-altitudni tal-pjan tal-art nominali li fuqha, fin-nuqqas ta' korrezzjonijiet topografiċi, huma ddefiniti l-kontorni tal-istorbju.

— Il-parametri meteoroloġiċi medji fil-punt ta' referenza tal-ajrudrom jew qrib (temperatura, umdità relattiva, veloċità medja tar-riħ u direzzjoni tar-riħ).

Dejta dwar ir-runway

Għal kull runway:

— Id-dežinjazzjoni tar-runway

— Il-punt ta' referenza tar-runway (ċentru tar-runway mogħti f'koordinati lokali)

— It-tul, id-direzzjoni u l-gradjent medju tar-runway

— Il-post tal-bidu tat-tidwir u s-soll tal-landjar ([1]).

Dejta dwar it-trajjettorja tal-art

It-trajjettorji tal-art ta' inġenju tal-ajru għandhom jiġu deskritti minn sensiela ta' koordinati fil-pjan tal-art (orizzontali). Is-sors tad-dejta dwar it-trajjettorji tal-art jiddependi minn jekk hemmx disponibbli dejta rilevanti mir-radar jew le. Jekk hija disponibbli, għandhom jiġu stabbiliti trajjettorja taċ-ċentru affidabbli u subtrajjettorji xierqa assoċjati (dispersi) permezz ta' analiżi statistika tad-dejta. Jekk le, it-trajjettorji taċ-ċentru normalment jinbnew bl-informazzjoni proċedurali xierqa, eż. billi jintużaw proċeduri tat-tluq standard bl-istrumenti minn Pubblikazzjonijiet ta' Informazzjoni Ajrunawtika. Din id-deskrizzjoni konvenzjonali tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— Id-dežinjazzjoni tar-runway li minnha toriġina t-trajjettorja

— Id-deskrizzjoni tal-oriġini tat-trajjettorja (bidu tat-tidwir, soll tal-landjar)

([1]) Il-limiti spostati jistgħu jingħataw kont billi jiġu ddefiniti runways addizzjonali.

▼**M2**

— It-tul tas-segmenti (għal liwjiet, raġġ u bidla fid-direzzjoni)

Din l-informazzjoni hija l-minimu meħtieġ biex tiġi ddefinita t-trajjettorja ewlenija (taċ-ċentru). Iżda l-livelli ta' storbju medji kkalkolati bis-suppożizzjoni li l-inġenji tal-ajru jsegwu r-rotot nominali bl-eżatt jistgħu jkunu suxxettibbli għal żbalji lokalizzati ta' diversi deċibel. B'hekk, id-dispersjoni laterali għandha tkun irrappreżentata, u l-informazzjoni addizzjonali li ġejja hija meħtieġa:

— Il-wisa' tal-medda (jew statistika oħra dwar id-dispersjoni) f'kull tmiem is-segment

— L-għadd ta' subtrajjettorji

— Id-distribuzzjoni tal-movimenti perpendikolari għat-trajjettorja taċ-ċentru

Dejta dwar it-traffiku tal-ajru

Id-dejta dwar it-traffiku tal-ajru hija

— il-perjodu ta' żmien kopert mid-dejta u

— l-għadd ta' movimenti (wasliet jew tluq) ta' kull tip ta' inġenju tal-ajru fuq kull trajjettorja tat-titjira, soddiviż (1) bil-ħin tal-ġurnata kif xieraq għal deskritturi speċifikati tal-istorbju, (2) għal tluq, bil-piżijiet operattivi jew it-tul ta' titjira medja, u (3), jekk ikun hemm bżonn, bil-proċeduri operattivi.

Ħafna mid-deskritturi tal-istorbju jesiġu li l-eventi (jiġifieri l-movimenti tal-inġenju tal-ajru) jiġu ddefiniti bħala valuri medji ta' kuljum tul perjodi speċifikati tal-ġurnata (eż. tul il-jum, filgħaxija u billejl) — ara s-**sezzjonijiet 2.7.23 sa 2.7.25**.

Dejta topografika

L-art madwar ħafna mill-ajruporti hija relattivament ċatta. Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ u kultant jista' jkun hemm bżonn li jingħata kont lil varjazzjonijiet fl-elevazzjoni tal-arja b'rabta mal-elevazzjoni ta' referenza tal-ajruport. L-effett tal-elevazzjoni tal-art jista' jkun peċjalment importanti fil-viċinanza tat-trajjettorji ta' avviċinament, fejn l-inġenju tal-ajru jopera f'altitudnijiet relattivament baxxi.

Id-dejta dwar l-elevazzjoni tal-art normalment tiġi pprovduta bħala sett ta' koordinati (*x,y,z*) għal grilja rettangolari ta' ċertu daqs ta' xibka. Iżda l-parametri tal-grilja ta' elevazzjoni aktarx li jkunu differenti minn dawk tal-grilja użati għall-kalkolu tal-istorbju. Jekk dan huwa minnu, tista' tintuża l-interpolazzjoni lineari biex jiġu stmati l-koordinati-*z* xierqa f'dan tal-aħħar.

Analiżi komprensiva tal-effetti ta' art evidentement mhux ċatta fuq il-propagazzjoni ta' ħoss hija kumplessa u taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-metodu. Art pjuttost illivellata tista' tingħata kont billi tiġi supponuta art "psewdolivell"; jiġifieri kemm sempliċiment jitgħolla jew jitniżżel il-pjan tal-art ta' livell sal-elevazzjoni tal-art lokali (fir-rigward tal-pjan tal-art ta' referenza) f'kull punt riċeventi (ara s-sezzjoni 2.7.4).

▼M2

Kundizzjonijiet ta' referenza

Id-dejta internazzjonali dwar il-prestazzjoni u l-istorbju tal-inġenji tal-ajru (ANP) tiġi nnormalizzata għal kundizzjonijiet standard ta' referenza li jintużaw b'mod komuni għal studji dwar l-istorbju tal-ajruporti (ara l-**Appendiċi D**).

Kundizzjonijiet ta' referenza għal dejta NPD

1) Il-pressjoni atmosferika: 101,325 kPa (1 013,25 mb)

2) L-assorbiment atmosferiku: Ir-rati ta' attenwazzjoni elenkati fit-**Tabella D-1 tal-Appendiċi D**

3) Preċipitazzjoni: Xejn

4) Veloċità tar-Riħ: Inqas minn 8 m/s (15-il knot)

5) Veloċità fuq l-art: 160 knot

6) L-art lokali: Art ċatta u ratba ħielsa minn strutturi kbar jew oġġetti riflessivi oħrajn tul diversi kilometri ta' trajjettorji tal-art għall-inġenji tal-ajru.

Il-kejl standardizzat tal-ħoss tal-inġenji tal-ajru jsir 1,2m 'il fuq mis-superfiċje tal-art. Madankollu ma huwa meħtieġ li jingħata ebda kont speċjali ta' dan peress li, għall-finijiet ta' mmudellar, jista' jiġi supponut li l-livelli tal-event huma relattivament insensittivi għall-għoli tar-riċevitur ([1]).

It-tqabbil tal-livelli ta' storbju stmati u mkejlin tal-ajruporti jindikaw li d-dejta NPD tista' tiġi supponuta applikabbli meta l-kundizzjonijiet medji tas-superfiċje fil-qrib jaqgħu fi ħdan il-limiti li ġejjin:

— It-temperatura tal-arja hija inqas minn 30 °C

— Il-prodott tat-temperatura tal-arja (°C), u l-umdità relattiva, (perċentwali) ikun akbar minn 500

— Il-veloċità tar-riħ hija inqas minn 8 metri fis-sekonda (15-il knot)

Huwa mifhum li dawn il-limiti jkopru l-kundizzjonijiet eżistenti fil-parti l-kbira tal-ajruporti ewlenin tad-dinja. L-**Appendiċi D** jipprovdi metodu għall-konverżjoni ta' dejta NPD f'kundizzjonijiet lokali medji li jaqgħu barra minnu, iżda, f'każijiet estremi, huwa ssuġġerit li jiġu kkonsultati l-manifatturi tal-ajruplani rilevanti.

Il-kundizzjonijiet ta' referenza għal dejta ajrudinamika u dwar il-magna tal-ajruplani

1) L-Elevazzjoni tar-Runway: Il-livell medju tal-baħar

2) It-temperatura tal-arja: 15 °C

3) Il-piż gross tal-qtugħ: Kif iddefinit bħala funzjoni tat-tul ta' titjira medja fid-database tal-ANP

([1]) Kultant jintalbu livelli kkalkolati f'għoli ta' 4 m jew iktar. It-tqabbil tal-kejl f'għoli ta' 1,2 m u 10 m u l-kalkolu teoriku tal-effetti tal-art juru li l-varjazzjonijiet tal-livell ta' espożizzjoni akustika ponderat A huma relattivament insensittivi għall-għoli tar-riċevitur. Ġeneralment, il-varjazzjonijiet ikunu inqas minn deċibel, ħlief jekk l-angolu massimu tal-inċidenza tal-ħoss ikun inqas minn 10° u jekk l-ispettru ponderat A fir-riċevitur ikollu l-massimu tiegħu fil-medda ta' 200 sa 500 Hz. Spettri ddominati minn frekwenza baxxa bħal dawn jistgħu jseħħu, eż., fuq distanzi twal għal magni bi proporzjon baxx ta' bypass u għal magni bl-iskrun b'toni ta' frekwenza baxxi diskreti.

▼**M2**

4) Il-piż gross tal-landjar: 90 fil-mija tal-piż gross massimu tal-landjar

5) Magni li jfornu forza propulsiva: Kollha

Għad li d-dejta ajrudinamika u dik dwar il-magni tal-ANP hija msejsa fuq dawn il-kundizzjonijiet, tista' tintuża kif imniżżlin fit-tabella għal elevazzjonijiet tar-runway u temperaturi medji tal-arja mhux ta' referenza fi stati tal-ECAC mingħajr ma jaffettwaw wisq il-preċiżjoni tal-kontorni kkalkolati tal-livell medju kumulattiv ta' pressjoni tal-ħoss. (ara l-**Appendiċi B**.)

Id-database tal-ANP tiġbor f'tabella d-dejta ajrudinamika għall-piżijiet gross tal-qtugħ u l-landjar osservati fl-entrati 3 u 4 iktar 'il fuq. Għad li, għal kalkoli tal-istorbju kumulattiv, id-dejta ajrudinamika stess ma għandhiex għalfejn tiġi aġġustata għal piżijiet gross oħrajn, il-kalkolu tal-profili tat-titjira tal-qtugħ u tal-faži tat-tlugħ, bl-użu tal-proċeduri deskritti fl-**Appendiċi B**, għandu jkun imsejjes fuq il-piżijiet gross operattivi xierqa tal-qtugħ.

2.7.7. *Deskrizzjoni tar-rotta tat-titjira*

Il-mudell tal-istorbju jeħtieġ li kull moviment differenti tal-inġenju tal-ajru jiġi deskritt mir-rotta tat-titjira tridimensjonali tiegħu u l-potenza tal-magna varjanti u l-veloċità tiegħu matulha. Bħala regola, moviment immudellat wieħed jirrappreżenta subsett tat-traffiku totali tal-ajruport, eż. numru ta' movimenti (supponuti) identiċi, bl-istess tip, piż u proċedura operattiva ta' inġenju tal-ajru fuq trajjettorja waħda tal-art. Dik it-trajjettorja stess tista' tkun waħda minn diversi "subtrajjettorji" dispersi użati biex tiġi mmudellata dik li fil-verità hija medda ta' trajjettorji li jsegwu rotta ddeżinjata waħda. Il-meded ta' trajjettorji tal-art, il-profili vertikali u l-parametri operattivi tal-inġenju tal-ajru kollha huma ddeterminati mid-dejta dwar ix-xenarju mdaħħla — b'rabta mad-dejta dwar l-inġenju tal-ajru mid-database tal-ANP.

Id-dejta dwar l-istorbju-potenza-distanza (fid-database tal-ANP) tiddefinixxi l-istorbju minn inġenju tal-ajru li jgħaddi minn rotot tat-titjira orizzontali idealizzati b'tul infinit b'veloċità u potenza kostanti. Sabiex din id-dejta tiġi adattata għar-rotot tat-titjira taż-żona tat-teriminali li huma kkaratterizzati minn bidliet frekwenti fil-potenza u l-veloċità, kull rotta tinqasam f'segmenti finiti f'linja dritta; imbagħad il-kontribuzzjonijiet għall-istorbju minn kull wieħed minn dawn jingħaddu flimkien fil-pożizzjoni tal-osservatur.

2.7.8. *Relazzjonijiet bejn ir-rotta tat-titjira u l-konfigurazzjoni tat-titjira*

Ir-rotta tat-titjira tridimensjonali ta' moviment tal-inġenju tal-ajru tiddetermina l-aspetti ġeografiċi tar-radjazzjoni u l-propagazzjoni tal-ħoss bejn l-inġenju tal-ajru u l-osservatur. F'piż partikolari tal-inġenju tal-ajru u f'kundizzjonijiet atmosferiċi partikolari, ir-rotta tat-titjira hija kompletament irregolata mis-sekwenza tal-bidliet fil-potenza, il-flap u l-altitudni li huma applikati mill-bdot (jew sistema awtomatika ta' ġestjoni tat-titjiriet) sabiex jiġu segwiti rotot u jinżammu għoli u veloċitajiet speċifikati mill-ATC — b'konformità mal-proċeduri operattivi standard tal-operatur tal-inġenju tal-ajru. Dawn l-istruzzjonijiet u l-azzjonijiet jaqsmu r-rotta

▼M2

tat-titjira f'fażijiet distintivi li jsawru segmenti naturali. Fil-pjan orizzontali jinvolvu komponenti dritti, speċifikati bħala distanza sal-liwja li jmiss, u liwjiet, iddefiniti mir-raġġ u l-bidla fid-direzzjoni. Fil-fażi vertikali, is-segmenti huma ddefiniti mill-ħin u/jew id-distanza meħudin biex jinkisbu l-bidliet meħtieġa ta' veloċità 'l quddiem u/jew għoli bil-parametri speċifikati tal-potenza u l-flaps. Il-koordinati vertikali korrispondenti spiss jissejħu *punti ta' profil*.

Għall-immudellar tal-istorbju, l-informazzjoni dwar ir-rotta tat-titjira hija ġġenerata jew b'*sinteżi* minn sett ta' stadji proċedurali (jiġifieri dawk segwiti mill-bdot) jew b'*analiżi* tad-dejta mir-radar — kejl fiżiku tar-rotot tat-titjira li attwalment saru. Ikun xi jkun il-metodu użat, kemm il-forom orizzontali kif ukoll dawk vertikali tar-rotta tat-titjira jitnaqqsu mill-forom segmentati. Il-forma orizzontali tagħha (jiġifieri l-projjezzjoni bidimensjonali tagħha fuq l-art) hija *t-trajjettorja tal-art* iddefinita mit-tfassil tar-rotot li ġejjin jew sejrin. Il-forma vertikali tagħha, mogħtija mill-punti ta' profil, u l-parametri tat-titjira assoċjati li huma l-veloċità, l-angolu ta' inklinazzjoni laterali u l-parametru tal-potenza, flimkien jiddefinixxu l-*profil tat-titjira* li jiddependi mill-*proċedura tat-titjira* li normalment hija stabbilita mill-manifattur u/jew l-operatur tal-inġenju tal-ajru. Ir-rotta tat-titjira tinbena billi jingħaqad il-profil tat-titjira 2-D mat-trajjettorja tal-art 2-D biex tiġi fformata sekwenza ta' segmenti tar-rotta tat-titjira 3-D.

Ta' min ifakkar li, għal sett partikolari ta' stadji proċedurali, il-profil jiddependi mit-trajjettorja tal-art; eż. bl-istess forza propulsiva u veloċità, ir-rata tat-tluġħ tal-inġenju tal-ajru hija inqas f'liwjiet milli f'titjira dritta. Għad li din il-gwida tispjega kif din id-dipendenza għandha tiġi kkunsidrata, irid jiġi rikonoxxut li meta jsir hekk normalment ikun hemm bżonn ta' spejjeż ġenerali kbar ħafna għall-kalkoli u l-utenti jista' jkun jaqblilhom jassumu li, għal skopijiet ta' mmudellar tal-istorbju, il-profil tat-titjira u t-trajjettorja tal-art jistgħu jitqiesu bħala entitajiet indipendenti; jiġifieri li l-profil tat-tluġħ mhuwiex affettwat minn xi liwja. Madankollu, huwa importanti li jiġu stabbiliti l-bidliet fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali meħtieġa mil-liwjiet peress li dawn ser ikollhom effett importanti fuq id-direzzjonalità tal-emissjoni tal-ħoss.

Il-ħoss riċevut minn segment tar-rotta tat-titjira jiddependi mill-ġeometrija tas-segment b'rabta mal-osservatur u l-konfigurazzjoni tat-titjira tal-inġenju tal-ajru. Iżda dawn huma marbutin ma' xulxin — bidla f'wieħed tikkaġuna bidla fl-oħra u hemm bżonn li jiġi żgurat li, fil-punti kollha tul ir-rotta, il-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru tibqa' konsistenti mal-moviment tiegħu tul ir-rotta.

F'sinteżi tar-rotta tat-titjira, jiġifieri meta tinbena rotta tat-titjira minn sett ta' “stadji proċedurali” li jiddeskrivu l-għażliet tal-bdot għall-potenza tal-magna, l-angolu tal-flap u l-veloċità ta' aċċelerazzjoni/vertikali, irid jiġi kkalkolat iċ-ċaqliq. F'analiżi tar-rotta tat-titjira, isir l-oppost: il-parametri tal-potenza tal-magna jridu jiġu stmati miċ-ċaqliq osservat tal-ajruplan — kif stabbilit mid-dejta mir-radar, jew kultant, fi studji speċjali, minn dejta tar-reġistratur tat-titjira tal-inġenju tal-ajru (għad li fl-aħħar każ, il-potenza tal-magna normalment tkun parti mid-dejta). Fi kwalunkwe każ, il-koordinati u l-parametri tat-titjira f'kull punt ta' tmiem tas-segmenti jridu jiddaħħlu fil-kalkolu tal-istorbju.

▼**M2**

L-**Appendiċi B** jippreżenta l-ekwazzjonijiet li jorbtu l-forzi li jaġixxu fuq inġenju tal-ajru u ċ-ċaqliq tiegħu u jispjega kif inhuma solvuti billi jiddefinixxi l-proprejtajiet tas-segmenti li jsawru r-rotot tat-titjira. It-tipi differenti ta' segmenti (u s-sezzjonijiet tal-**Appendiċi B** li jkopruhom) huma t-*tidwir fuq l-art għall-qtugħ* (B5), *it-tlugħ b'veloċità kostanti* (B6), it-*trażżin tal-potenza* (B7), it-*tlugħ tal-aċċelerazzjoni u l-għeluq tal-flaps* (B8), l-*aċċelerazzjoni matul it-tlugħ wara għeluq tal-flaps* (B9), *l-inżul u d-deċelerazzjoni* (B10) u *l-avviċinament għal-landjar finali* (B11).

Bilfors li l-immudellar prattiku jinvolvi gradi li jvarjaw ta' simplifikazzjoni — ir-rekwiżit għal dan jiddependi fuq l-għamla tal-applikazzjoni, l-importanza tar-riżultati u r-riżorsi disponibbli. Suppożizzjoni simplifikanti ġenerali, anki fl-iktar applikazzjonijiet elaborati, hija li meta jingħata kont lid-dispersjoni tat-trajjettorja tat-titjira, il-profili tat-titjira u l-konfigurazzjonijiet fis-subtrajjettorji kollha huma l-istess bħal dawk fit-trajjettorja taċ-ċentru. Tal-inqas iridu jintużaw 6 subtrajjettorji (ara s-sezzjoni 2.7.11) peress li dan inaqqas il-kalkoli bil-bosta filwaqt li jkun hemm biss telf ferm żgħir fir-reqqa.

2.7.9. *Sorsi tad-dejta dwar ir-rotta tat-titjira*

D e j t a m i r - r a d a r

Għalkemm ir-reġistraturi tad-dejta tat-titjiriet tal-inġenji tal-ajru jistgħu jrendu dejta ta' kwalità għolja ħafna, dawn diffiċilment jinkisbu għal skopijiet ta' mmudellar tal-istorbju u d-dejta mir-radar għandha titqies bħala l-iktar sors ta' informazzjoni faċilment aċċessibbli fuq ir-rotot tat-titjira proprji mtajrin fl-ajruporti ([1]). Peress li normalment tkun disponibbli minn sistemi ta' monitoraġġ tal-istorbju u r-rotot tat-titjira tal-ajruporti, issa saret tintuża dejjem iktar għal finijiet ta' mmudellar tal-istorbju.

Ir-radar ta' sorveljanza sekondarju jippreżenta r-rotta tat-titjira ta' inġenju tal-ajru bħala sekwenza ta' koordinati pożizzjonali f'intervalli li jilħqu l-perjodu ta' rotazzjoni tal-iskanner tar-radar, normalment madwar 4 sekondi. Il-pożizzjoni tal-inġenju tal-ajru fuq l-art hija stabbilita f'koordinati polari — medda uażimut — mir-ritorn tar-radar rifless (għad li s-sistema ta' monitoraġġ normalment tibdilhom f'koordinati Kartežjani); l-għoli ([2]) tiegħu jitkejjel bl-altimetru tal-ajruplan stess u jintbagħat lill-kompjuter tal-ATC bi transponder attivat mir-radar. Iżda l-iżbalji pożizzjonali inerenti minħabba interferenza mir-raġġ u riżoluzzjoni limitata tad-dejta huma sinifikanti (għad li ma huma tal-ebda konsegwenza għall-finijiet maħsubin ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru). B'hekk, jekk hemm bżonn tar-rotta tat-titjira ta' moviment speċifiku tal-inġenju tal-ajru, huwa meħtieġ li d-dejta tiġi rfinata billi tintuża teknika xierqa ta' dħul ta' kurva. Madankollu, għall-finijiet ta' mmudellar tal-istorbju, ir-rekwiżit tipiku huwa ta' deskrizzjoni statistika ta' medda ta' rotot tat-titjira; eż. għall-movimenti kollha fuq rotta jew għal dawk ta' tip speċifiku ta' inġenju tal-ajru biss. Hawnhekk, l-iżbalji fil-kejl assoċjati mal-istatistika rilevanti jistgħu jitnaqqsu sa livell insinifikanti mill-proċessi ta' sejbien tal-medja.

([1]) Ir-reġistraturi tad-dejta dwar it-titjira tal-inġenju tal-ajru jipprovdu dejta operattiva komprensiva. Madankollu, din mhijiex aċċessibbli faċilment u tiswa l-flus biex tiġi pprovduta; b'hekk, l-użu ta' din id-dejta għal finijiet ta' mmudellar tal-istorbju normalment ikun limitat għal proġetti speċjali u studji dwar l-iżvilupp tal-mudelli.

([2]) Normalment imkejjel bħala l-altitudni fuq l-MSL (jiġifieri fir-rigward ta' 1 013 mB) u kkoreġut skont l-elevazzjoni tal-ajruport bis-sistema ta' monitoraġġ tal-ajruport.

▼**M2**

Stadji proċedurali

F'ħafna każijiet mhuwiex possibbli li jiġu mmudellati r-rotot tat-titjira fuq il-bażi ta' dejta mir-radar — minħabba li r-riżorsi meħtieġa mhumiex disponibbli jew minħabba li x-xenarju huwa wieħed fil-ġejjieni li għalih ma hemm ebda dejta mir-radar rilevanti.

Fin-nuqqas ta' dejta mir-radar, jew meta l-użu tagħha ma jkunx xieraq, hemm bżonn li r-rotot tat-titjira jiġu stmati fuq il-bażi tal-materjal ta' gwida operattiva, pereżempju struzzjonijiet mogħtijin lill-ekwipaġġi tat-titjira permezz ta' AIPs u manwali operattivi tal-inġenji tal-ajru — hawnhekk imsejħin *stadji proċedurali.* Wieħed għandu jitlob parir dwar l-interpretar ta' dan il-materjal mingħand l-awtoritajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru meta jkun hemm bżonn.


2.7.10. *Sistemi ta' koordinati*

Is-sistema lokali ta' koordinati

Is-sistema lokali ta' koordinati (*x,y,z*) hija waħda Kartežjana u għandha l-oriġini tagħha (0,0,0) fil-punt ta' referenza tal-ajrudrom (X_{ARP},Y_{ARP},-Z_{ARP}), fejn Z_{ARP} hija l-altitudni ta' referenza tal-ajruport u $z = 0$ tiddefinixxi l-pjan tal-art nominali li fuqu normalment jiġu kkalkolati l-kontorni. Id-direzzjoni tal-inġenju tal-ajru ξ fil-pjan *xy* hija mkejla favur l-arloġġ mit-tramuntana manjetika (ara l-**Figura 2.7.b**). Il-postijiet kollha tal-osservaturi, il-grilja ta' kalkolu bażika u l-punti ta' kontorn tal-istorbju jingħataw f'koordinati lokali ([1]).

Figura 2.7.b

Sistema lokali ta' koordinati (*x,y,z*) u koordinat *s* fiss tat-trajjettorji tal-art



([1]) Normalment l-assi tal-koordinat lokali jkunu paralleli għall-assi tal-mappa li fuqha jiġu mmarkati l-koordinati. Madankollu, kultant tgħin li wieħed jagħżel l-assi *x* parallela għal runway sabiex jinkisbu kontroni simmetriċi mingħajr ma tintuża grilja ta' kalkolu fina (ara s-**sezzjonijiet 2.7.26 sa 2.7.28**).

▼**M2**

Is-sistema ta' koordinati fissi tat-trajjettorjital-art

Dan il-koordinat huwa speċifiku għal trajjettorja tal-art u jirrappreżenta d-distanza *s* imkejla tul it-trajjettorja fid-direzzjoni tat-titjira. Għal trajjettorji tat-tluq *s* titkejjel mill-bidu tat-tidwir, għal trajjettorji ta' avviċinament mis-soll tal-landjar. B'hekk *s* issir negattiva f'żoni

— wara l-bidu tat-tidwir għal-landjar u

— qabel il-qsim tas-soll tal-landjar tar-runway għal avviċinamenti.


Parametri operattivi tat-titjira bħall-għoli, il-veloċità u l-parametru tal-potenza huma espressi bħala funzjonijiet ta' *s*.

Is-sistema ta' koordinati fuq l-inġenji tal-ajru

Is-sistema ta' koordinati Kartežjani fissa fuq l-inġenji tal-ajru (x',y',z') għandha l-oriġini tagħha fil-post proprju tal-inġenju tal-ajru. Is-sistema tal-assi hija ddefinita mill-angolu tat-tluġħ γ, id-direzzjoni tat-titjira ξ u l-angolu ta' inklinazzjoni laterali ε (ara l-**Figura 2.7.c**).

Figura 2.7.c

Sistema ta' koordinati fissa fuq l-inġenji tal-ajru (x',y',z')



Kunsiderazzjoni tat-topografija

F'każijiet li fihom irid jingħata kont lit-topografija (ara s-sezzjoni 2.7.6), il-koordinat tal-għoli tal-inġenju tal-ajru z irid jiġi sostitwit ma' $z' = z - z_o$ (fejn z_o hija l-koordinat z tal-post tal-osservatur O) meta tiġi stmata d-distanza ta' propagazzjoni d. Il-ġeometrija bejn l-inġenju tal-ajru u l-osservatur tintwera fil-**Figura 2.7.d.** Għad-definizzjonijiet ta' d u ℓ ara s-sezzjonijiet 2.7.14 sa 2.7.19 ([1]).


([1]) Għal art mhux ċatta, huwa possibbli li l-osservatur ikun ogħla mill-inġenju tal-ajru, f'liema każ, għall-kalkolu tal-propagazzjoni tal-ħoss z' (u l-angolu ta' elevazzjoni korrispondenti β — ara l-Kapitlu 4) isir ugwali għal żero.

▼**M2**

Figura 2.7.d

Elevazzjoni tal-art tul (xellug) u laterali (lemin) għat-trajjettorja tal-art.

(Il-pjan tal-art nominali z = 0 jgħaddi mill-punt ta' referenza tal-ajrudrom. O huwa post l-osservatur.)




2.7.11. *Trajjettorji tal-art*

T r a j j e t t o r j i t a ċ - ċ e n t r u

It-trajjettorja taċ-ċentru tiddefinixxi ċ-ċentru tal-medda ta' trajjettorji segwiti mill-inġenju tal-ajru billi tintuża tifsila partikolari tar-rotot. Għall-fini ta' mmudellar tal-istorbju ta' inġenju tal-ajru hija ddefinita jew (i) permezz ta' dejta operattiva preskrittiva bħall-istruzzjonijiet mogħtijin lil bdoti fl-AIPs, jew inkella (ii) permezz ta' analiżi statistika tad-dejta mir-radar kif spjegat fis-sezzjoni 2.7.9 — meta din tkun disponibbli u xierqa għall-ħtiġijiet tal-istudju ta' mmudellar. It-tiswir tat-trajjettorja mill-istruzzjonijiet operattivi normalment ikun kemxejn sempliċi peress li dawn jistabbilixxu sekwenza ta' taqsimiet li huma jew dritti — iddefiniti mit-tul u d-direzzjoni, jew arkati ċirkolari ddefiniti mir-rata tal-liwja u l-bidla fid-direzzjoni; ara l-**Figura 2.7.e** għal illustrazzjoni.

Figura 2.7.e

Ġeometrija tat-trajjettorja tal-art f'termini ta' liwjiet u segmenti dritti



It-tqabbil ta' trajjettorja taċ-ċentru ma' dejta mir-radar huwa iktar kumpless, l-ewwel nett għaliex il-liwjiet proprji jsiru b'rata varjabbli u t-tieni għaliex il-linja tagħha titgħatta mit-tifrix tad-dejta. Kif spjegat, għandhom ma ġewx żviluppati proċeduri formalizzati u hija prattika komuni li s-segmenti, dritti u bil-kurvi, jitqabblu mal-pożizzjonijiet medji kkalkolati minn kontrosezzjonijiet tat-trajjettorji tar-radar f'intervalli tul ir-rotta. Fil-ġejjieni aktarx li jiġu żviluppati algoritmi tal-kompjuter biex iwettqu dan il-kompitu iżda, għalissa, huwa f'idejn il-mudellatur li jiddeċiedi kif jisfrutta d-dejta disponibbli bl-aħjar mod. Fattur

▼M2

importanti huwa li l-veloċità tal-inġenju tal-ajru u r-raġġ tal-liwja jiddettaw l-angolu ta' inklinazzjoni laterali u, kif ser jidher fis-sezzjoni 2.7.19, in-nonsimmetriji tar-radjazzjoni tal-ħoss madwar ir-rotta tat-titjira jirregolaw l-istorbju fuq l-art, kif ukoll il-pożizzjoni tar-rotta tat-titjira stess.

Fit-teorija, tranżizzjoni mingħajr intoppi minn titjira dritta għal liwja b'raġġ fiss teħtieġ applikazzjoni istantanja tal-angolu ta' inklinazzjoni laterali ε, li huwa fiżikament impossibbli. Fir-realtà, hemm bżonn ta' ħin finit sabiex l-angolu ta' inklinazzjoni laterali jilħaq il-valur meħtieġ biex tinżamm veloċità speċifikata u raġġ tal-liwja *r*, li matulha r-raġġ tal-liwja jiddejjaq minn infinità għal *r*. Għal skopijiet ta' mmudellar, it-transizzjoni tar-raġġ tista' tiġi injorata u jista' jiġi supponut li l-angolu ta' inklinazzjoni laterali jiżdied b'mod kostanti minn żero (jew valur inizjali ieħor) għal ε fil-bidu tal-liwja u jkun il-valur li jmiss ta' ε fi tmiem il-liwja ([1]).

Dispersjoni tat-trajjettorja

Meta dan ikun possibbli, id-definizzjonijiet ta' dispersjoni laterali u subtrajjettorji rappreżentattivi għandhom ikunu msejsin fuq l-esperjenza rilevanti fl-imgħoddi mill-ajruport studjat; normalment permezz ta' analiżi tal-kampjuni tad-dejta mir-radar. L-ewwel stadju huwa li d-dejta tinġabar fi grupp skont ir-rotta. It-trajjettorji tat-tluq huma kkaratterizzati minn dispersjoni laterali sostanzjali li trid tiġi kkunsidrata għall-immudellar preċiż. Normalment, ir-rotot tal-wasla jinġabru f'medda ferm dejqa madwar il-passaġġ tal-avviċinament finali u normalment ikun biżżejjed li l-wasliet kollha jkunu rrappreżentati minn trajjettorja waħda. Iżda jekk il-meded ta' avviċinament ikunu wisgħin fi ħdan ir-reġjun tal-kontorni tal-istorbju, jaf ikollhom bżonn ikunu rrappreżentati minn subtrajjettorji bl-istess mod bħar-rotot tat-tluq.

Hija prattika komuni li dejta għal rotta waħda titqies bħala kampjun minn popolazzjoni waħda; jiġifieri li tkun irrappreżentata minn trajjettorja taċ-ċentru waħda u sett wieħed ta' subtrajjettorji dispersi. Madankollu, jekk spezzjoni tindika li d-dejta għal kategoriji differenti ta' inġenji tal-ajru jew operazzjonijiet tvarja sew (eż. jekk inġenji tal-ajru kbar u żgħar ikollhom raġġi tal-liwja ferm differenti), jaf ikun aħjar li d-dejta tkompli titqassam f'meded differenti. Għal kull medda, id-dispersjonijiet tat-trajjettorji laterali huma stabbiliti bħala funzjoni ta' distanza mill-oriġini; imbagħad il-movimenti jitqassmu bejn trajjettorja taċ-ċentru u numru xieraq ta' subtrajjettorji dispersi fuq il-bażi tal-istatistiki dwar id-distribuzzjoni.

Peress li normalment ma tkunx idea tajba li jiġu injorati l-effetti tad-dispersjoni tat-trajjettorji, fin-nuqqas ta' dejta dwar il-medda mkejla, firxa laterali nominali tul u perpendikolari għat-trajjettorja taċ-ċentru għandha tiġi ddefinita permezz ta' funzjoni ta' distribuzzjoni konvenzjonali. Il-valuri kkalkolati tal-indiċijiet tal-istorbju mhumiex partikolarment sensittivi għall-forma preċiża tad-distribuzzjoni laterali: id-Distribuzzjoni Normali (Gaussjana) tipprovdi deskrizzjoni adegwata ta' ħafna meded imkejlin bir-radar.

([1]) Kif l-aħjar li dan jiġi implimentat huwa f'idejn l-utent peress li dan ser jiddependi mill-mod li bih huma ddefiniti r-raġġi tal-liwjiet. Meta l-punt tal-bidu jkun sekwenza ta' partijiet dritti jew ċirkolari, għażla relattivament sempliċi hija li jiddaħħlu segmenti ta' tranżizzjoni tal-angolu ta' inklinazzjoni laterali fil-bidu tal-liwja u fi tmiemha li fihom l-inġenju tal-ajru jdur b'rata kostanti (eż. mogħtijin f'°/m jew °/s).

▼M2

Is-soltu tintuża approssimazzjoni diskreta ta' 7 punti (jiġifieri li tirrappreżenta d-dispersjoni laterali b'6 subtrajjettorji bi spazju indaqs madwar it-trajjettorja taċ-ċentru). L-ispazjar tas-subtrajjettorji jiddependi mid-devjazzjoni standard tal-funzjoni ta' dispersjoni laterali.

Għal trajjettorji b'distribuzzjoni normali b'devjazzjoni standard S, 98,8 % tat-trajjettorji jinsabu f'kuritur b'limiti li jinsabu fi ± 2,5 × S. It-**Tabella 2.7.a** tagħti l-ispazjar tas-sitt subtrajjettorji u l-perċentwal tal-movimenti totali assenjati lil kull waħda. L-**Appendiċi C** jagħti valuri għal numri oħrajn ta' subtrajjettorji.

Tabella 2.7.a

Perċentwali ta' movimenti għal funzjoni ta' distribuzzjoni normali b'devjazzjoni standard S għal 7 subtrajjettorji (it-trajjettorja taċ-ċentru hija s-subtrajjettorja 1)

Numru tas-subtrajjettorja	Pożizzjoni tas-subtrajjettorja	Perċentwal tal-movimenti fuq is-subtrajjettorja
7	$-2{,}14 \cdot S$	3 %
5	$-1{,}43 \cdot S$	11 %
3	$-0{,}71 \cdot S$	22 %
1	0	28 %
2	$0{,}71 \cdot S$	22 %
4	$1{,}43 \cdot S$	11 %
6	$2{,}14 \cdot S$	3 %

Id-devjazzjoni standard S hija funzjoni tal-koordinat s tul it-trajjettorja taċ-ċentru. Tista' tiġi speċifikata — flimkien mad-deskrizzjoni tat-trajjettorja taċ-ċentru — fl-iskeda teknika tat-trajjettorji tat-titjira murija fl-**Appendiċi A3**. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikatur tad-devjazzjoni standard — eż. minn dejta mir-radar li tiddeskrivi trajjettorji tat-titjira paragunabbli — huma rrakkomandati l-valuri li ġejjin:

Għal trajjettorji li jinvolvu liwjiet ta' inqas minn 45 grad:

$$\begin{aligned} S(s) &= 0{,}055 \cdot s - 150 \quad && \text{għal } 2\,700 \text{ m} \leq s \leq 30\,000 \text{ m} \\ S(s) &= 1\,500 && \text{għal } s > 30\,000 \text{ m} \end{aligned} \tag{2.7.1}$$

Għal trajjettorji li jinvolvu liwjiet ta' iktar minn 45 grad:

$$\begin{aligned} S(s) &= 0{,}128 \cdot s - 420 \quad && \text{għal } 3\,300 \text{ m} \leq s \leq 15\,000 \text{ m} \\ S(s) &= 1\,500 \text{ m} && \text{għal } s > 15\,000 \text{ m} \end{aligned} \tag{2.7.2}$$

Għal raġunijiet prattiċi, $S(s)$ hija meqjusa żero bejn il-bidu tat-tidwir u s = 2 700 m jew = 3 300 m skont l-ammont tal-liwja. Rotot li jinvolvu iktar minn liwja waħda għandhom jiġu ttrattati skont l-ekwazzjoni (2.7.2). Għal wasliet, id-dispersjoni laterali tista' tiġi injorata fi ħdan 6 000 m mit-touchdown.

▼**M2**

2.7.12. *Profili tat-titjira*

Il-profil tat-titjira huwa deskrizzjoni taċ-ċaqliq tal-inġenju tal-ajru fil-pjan vertikali fuq it-trajjettorja tal-art, f'termini tal-pożizzjoni, il-veloċità, l-angolu ta' inklinazzjoni laterali u l-parametru tal-potenza tal-magna tiegħu. Wieħed mill-iktar kompiti importanti li jaffaċċja l-utent tal-mudell huwa dak ta' definizzjoni tal-profili tat-titjira tal-inġenji tal-ajru li tissodisfa b'mod adegwat ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni ta' mmudellar — b'mod effiċjenti, mingħajr konsum ta' żmien u riżorsi żejda. Naturalment, biex tinkiseb preċiżjoni kbira, il-profili jridu jirriflettu mill-qrib l-operazzjonijiet tal-inġenju tal-ajru li huma maħsubin li jirrappreżentaw. Dan jeħtieġ informazzjoni affidabbli fuq il-kundizzjonijiet atmosferiċi, it-tipi ta' inġenji tal-ajru u l-varjanti, il-piżijiet operattivi u l-proċeduri operattivi — il-varjazzjonijiet fil-parametru tal-forza propulsiva u tal-flaps u l-kompromessi bejn il-bidliet fl-għoli u l-veloċità — kollha b'mod xieraq tul il-perjodu/i ta' żmien ta' interess. Spiss ma tkunx disponibbli informazzjoni tant dettaljata, iżda dan mhux bilfors ikun ta' xkiel; anki jekk tkun disponibbli, il-mudellatur għandu jiġġudika biex jibbilanċja l-perċiżjoni u d-dettall tal-informazzjoni mdaħħla mal-ħtiġijiet għall-eżiti tal-kontorni u l-użu tagħhom.

Is-sinteżi tal-profili tat-titjira minn "stadji proċedurali" miksuba mid-database tal-ANP jew minn operaturi tal-inġenji tal-ajru hija deskritta fis-sezzjoni 2.7.13 u l-**Appendiċi B**. Dak il-proċess, normalment l-unika għażla miftuħa għall-mudellatur meta ma jkun hemm ebda dejta mir-radar disponibbli, jipprovdi kemm il-ġeometrija tar-rotta tat-titjira kif ukoll il-varjazzjonijiet assoċjati fil-veloċità u l-forza propulsiva. Normalment wieħed jissoponi li l-inġenji tal-ajru (simili) kollha f'medda, kemm jekk assenjati għat-trajjettorja taċ-ċentru jew is-subtrajjettorji dispersi, isegwu l-profil tat-trajjettorja taċ-ċentru.

Minbarra d-database tal-ANP, li tipprovdi informazzjoni prestabbilita fuq l-istadji proċedurali, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru huma l-aħjar sors ta' informazzjoni affidabbli, jiġifieri l-proċeduri li jużaw u l-piżijiet tipiċi tat-titjiriet. Għal titjiriet individwali, is-sors "prim" huwa r-reġistratur tad-dejta tat-titjiriet tal-inġenji tal-ajru (FDR) li minnu tista' tinkiseb l-informazzjoni rilevanti kollha. Iżda anki jekk it-tali dejta tkun disponibbli, il-ħidma ta' prepproċessar hija qawwija. B'hekk, u skont l-eżiġenzi ekonomiċi tal-immudellar, is-soluzzjoni prattika normali hija li jsiru suppożizzjonijiet informati dwar il-piżijiet medji u l-proċeduri operattivi.

Wieħed irid ikun kawt qabel jadotta l-istadji proċedurali *prestabbiliti* pprovduti fid-database tal-ANP (normalment supponuti meta l-proċeduri proprji ma jkunux magħrufin). Dawn huma proċeduri standardizzati li huma segwiti ħafna iżda li jaf jintużaw jew le mill-operaturi f'każijiet partikolari. Fattur importanti huwa d-definizzjoni tal-forza propulsiva tal-qtugħ (u kultant it-tlugħ) li tista' tiddependi sa ċertu punt fuq iċ-ċirkustanzi prevalenti. B'mod partikolari, hija prattika komuni li jitnaqqsu l-livelli tal-forza propulsiva matul it-tluq (mill-massimu disponibbli) sabiex tittawwal il-ħajja tal-magna. L-**Appendiċi B** tagħti gwida dwar ir-rappreżentazzjoni tal-prattika tipika; ġeneralment din ser tipproduċi kontorni iktar realistiċi meta mqabbla ma' suppożizzjoni tal-forza propulsiva sħiħa. Madankollu, jekk, pereżempju, ir-runways huma qosra u/jew it-temperaturi medji tal-arja huma għoljin, aktarx li l-forza propulsiva ser tkun suppożizzjoni iktar realistika.

▼**M2**

Meta jiġu mmudellati xenarji reali, wieħed jista' jikseb aktar preċiżjoni billi juża dejta mir-radar sabiex din tissupplimenta jew tieħu post din l-informazzjoni nominali. Il-profili tat-titjira jistgħu jiġu stabbiliti mid-dejta mir-radar b'mod simili bħat-trajjettorji taċ-ċentru laterali — iżda biss wara s-segregazzjoni tat-traffiku skont it-tip ta' inġenju tal-ajru u l-varjant u kultant skont il-piż jew it-tul tat-titjira medja (iżda mhux skont id-dispersjoni) — sabiex għal kull subgrupp jinħareġ profil medju tal-għoli u l-veloċità kontra d-distanza vvjaġġata fuq l-art. Mill-ġdid, meta mbagħad jingħaqad mat-trajjettorji tal-art, dan il-profil uniku normalment jiġi assenjat għat-trajjettorja taċ-ċentru u s-subtrajjettorji wkoll.

Jekk ikun magħruf il-piż tal-inġenju tal-ajru, il-varjazzjoni fil-veloċità u l-forza propulsiva tista' tiġi kkalkolata permezz ta' soluzzjoni pass, pass tal-ekwazzjonijiet taċ-ċaqliq. Qabel isir hekk ikun siewi li d-dejta tiġi pproċessata minn qabel sabiex jonqsu l-effetti ta' żbalji tar-radar li jistgħu jrendu l-istimi tal-aċċelerazzjoni inaffidabbli. L-ewwel pass f'kull każ huwa li jerġa' jiġi ddefinit il-profil billi jiddaħħlu segmenti f'linja dritta sabiex jirrappreżentaw l-istadji rilevanti tat-titjira; b'kull segment li jiġi kklassifikat kif xieraq; jiġifieri bħala tidwir fuq l-art, it-tlugħ jew l-inżul b'veloċità kostanti, it-trażżin tal-forza propulsiva, jew l-aċċelerazzjoni/id-deċelerazzjoni b'bidla fil-flaps jew mingħajr. Il-piż tal-inġenju tal-ajru u l-istat tal-atmosfera jeħtieġu li jiddaħħlu wkoll.

Is-sezzjoni 2.7.11 tagħmilha ċara li jrid jiġi żgurat li jingħata kont lid-dispersjoni laterali tat-trajjettorji tat-titjira matul rotot taċ-ċentru jew nominali. Il-kampjuni tad-dejta mir-radar huma kkaratterizzati minn dispersjonijiet simili tar-rotot tat-titjira fil-pjan vertikali. Madankollu, mhijiex prattika normali li d-dispersjoni vertikali tiġi mmudellata bħala varjabbli indipendenti; normalment tirriżulta minħabba differenzi fil-piżijiet u l-proċeduri operattivi tal-inġenji tal-ajru li jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta tiġi pproċessata minn qabel id-dejta dwar it-traffiku mdaħħla.

2.7.13. *Tiswir tas-segmenti tar-rotta tat-titjira*

Kull rotta tat-titjira trid tiġi ddefinita minn sett ta' koordinati tas-segmenti (nodi) u parametri tat-titjira. Il-punt tal-bidu jingħata sabiex jiġu stabbiliti l-koordinati tas-segmenti tat-trajjettorja tal-art. Imbagħad jiġi kkalkolat il-profil tat-titjira, filwaqt li ta' min ifakkar li għal sett partikolari ta' stadji proċedurali, il-profil jiddependi mit-trajjettorja tal-art; eż. bl-istess forza propulsiva u veloċità, ir-rata tat-tlugħ tal-inġenju tal-ajru hija inqas f'liwjiet milli f'titjira dritta. Fl-aħħar is-segmenti tar-rotta tat-titjira 3-D jinbnew billi l-profil tat-titjira jingħaqad mat-trajjettorja tal-art 2-D ([1]).

T r a j j e t t o r j a t a l - a r t

Trajjettorja tal-art, kemm jekk trajjettorja taċ-ċentru jew subtrajjettorja dispersa, hija ddefinita minn serje ta' (*x,y*) koordinati fil-pjan tal-art (eż. minn informazzjoni mir-radar) jew b'sekwenza ta' kmandi tal-vetturi li jiddeskrivu s-segmenti dritti u l-arkati ċirkolari (liwjiet b'raġġ ddefinit *r* u bidla fid-direzzjoni $\Delta\xi$).

Għall-immudellar tas-segmentazzjoni, arkata hija rrappreżentata minn sensiela ta' segmenti dritti mdaħħlin f'subarkati. Għad li ma jidhrux espliċitament fis-segmenti tat-trajjettorja tal-art, l-inklinazzjoni laterali tal-inġenju tal-ajru matul il-liwjiet jinfluwenza d-definizzjoni tagħhom. L-**Appendiċi B4** jispjega kif tikkalkola l-angoli ta' inklinazzjoni laterali

([1]) Għal dan l-għan, it-tul totali tat-trajjettorja tal-art dejjem għandu jaqbeż dak tal-profil tat-titjira. Dan jista' jinkiseb, jekk ikun hemm bżonn, billi jiżdiedu segmenti dritti ta' tul xieraq mal-aħħar segment tat-trajjettorja tal-art.

▼**M2**

matul liwja iebsa iżda ovvjament dawn mhumiex applikati u lanqas ma jitneħħew f'daqqa fil-verità. Mhuwiex prestabbilit kif wieħed għandu jieħu ħsieb transizzjonijiet bejn titjira dritta u f'liwja, jew bejn liwja u oħra li tiġi eżatt warajha. Bħala regola, id-dettalji, li jitħallew f'idejn l-utent (ara s-sezzjoni 2.7.11), aktarx li jkollhom effett negliġibbli fuq il-kontorni finali; ir-rekwiżit huwa li primarjament jiġu evitati inkonsistenzi kbar fi tmiem il-liwja u dan jista' jinkiseb sempliċiment billi, pereżempju, jiddaħħlu segmenti ta' transizzjoni qosra li matulhom l-angolu ta' inklinazzjoni laterali jinbidel b'mod lineari mad-distanza. Huwa biss f'każ speċjali li liwja partikolari aktarx li jkollha effett dominanti fuq il-kontorni finali jekk ikun hemm bżonn hekk sabiex tiġi mmudellata d-dinamika tat-transizzjoni b'mod iktar realistiku, sabiex l-angolu ta' inklinazzjoni laterali jiġi relatat ma' tipi partikolari ta' inġenji tal-ajru u sabiex jiġu adottati rati ta' tidwir xierqa. Hawnhekk huwa biżżejjed li jiġi stipulat li s-subarkati ta' tmiem $\Delta\xi_{trans}$ fi kwalunkwe liwja huma indikati mir-rekwiżiti dwar il-bidla fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Il-bqija tal-arkata b'bidla fil-gradi tad-direzzjoni $\Delta\xi - 2 \cdot \Delta\xi_{trans}$ hija maqsuma f'subarkati n_{sub} skont l-ekwazzjoni:

$$n_{sub} = \text{int}(1 + (\Delta\xi - 2 \cdot \Delta\xi_{trans})/30) \quad (2.7.3)$$


fejn int(x) hija funzjoni li tirritorna l-parti sħiħa ta' x. Imbagħad il-bidla fid-direzzjoni $\Delta\xi_{sub}$ ta' kull subarkata tiġi kkalkolata hekk

$$\Delta\xi_{sub} = (\Delta\xi - 2 \cdot \Delta\xi_{trans})/n_{sub} \quad (2.7.4)$$

fejn n_{sub} trid tkun kbira biżżejjed biex jiġi żgurat li $\Delta\xi_{sub} \leq 30$ grad. Is-segmentazzjoni ta' arkata (esklużi s-subsegmenti ta' transizzjoni ta' tmiem) tintwera fil-**Figura 2.7.f** [1].

Figura 2.7.f:

Tiswir tas-segmenti tar-rotta tat-titjira li jaqsmu liwja f'segmenti ta' tul Δ*s* (dehra superjuri fil-pjan orizzontali, dehra inferjuri fil-pjan vertikali)



[1] Iddefinit b'dan il-mod sempliċi, it-tul totali tal-passaġġ segmentat huwa ftit inqas minn dak tal-passaġġ ċirkolari. Madankollu, l-iżball konsegwenti tal-kontorn huwa negliġibbli jekk iż-żidiet angolari huma inqas minn 30°.

▼**M2**

Profil tat-titjira

Il-parametri li jiddeskrivu kull segment tal-profil tat-titjira fil-bidu (suffiss 1) u t-tmiem (suffiss 2) tas-segment huma:

s_1, s_2 id-distanza tul it-trajjettorja tal-art,

z_1, z_2 l-għoli tal-ajruplan,

V_1, V_2 il-veloċità fuq l-art,

P_1, P_2 il-parametru tal-potenza b'rabta mal-istorbju (tqabbil ta' dak li għalih huma ddefiniti l-kurvi tal-NPD), u

ε_1, ε_2 l-angolu ta' inklinazzjoni laterali.

Biex jinbena profil tat-titjira minn sett ta' stadji proċedurali (*sinteżi tar-rotta tat-titjira*), is-segmenti jinbnew f'sekwenza biex jinkisbu l-kundizzjonijiet meħtieġa fil-punti ta' tmiem. Il-parametri tal-punt ta' tmiem għal kull segment isiru l-parametri tal-punt ta' bidu għas-segment li jmiss. Fi kwalunkwe kalkolu tas-segment, il-parametri jkunu magħrufin mill-bidu; il-kundizzjonijiet meħtieġa fit-tmiem huma speċifikati mill-istadju proċedurali. L-istadji stess huma ddefiniti jew mill-elementi prestabbiliti tal-ANP jew mil-utent (eż. minn manwali tat-titjir tal-inġenju tal-ajru). Il-kundizzjonijiet ta' tmiem normalment ikunu l-għoli u l-veloċità; il-kompitu ta' bini tal-profil huwa li tiġi stabbilita d-distanza tat-trajjettorja koperta fl-ilħuq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-parametri mhux iddefiniti huma stabbiliti bil-kalkoli tal-prestazzjoni tat-titjira deskritti fl-**Appendiċi B**.

Jekk it-trajjettorja tal-art hija dritta, il-punti ta' profil u l-parametri tat-titjira assoċjati jistgħu jiġu stabbiliti indipendentement mit-trajjettorja tal-art (l-angolu ta' inklinazzjoni laterali dejjem huwa żero). Madankollu, it-trajjettorji tal-art rari jkunu dritti; normalment jinkorporaw liwjiet u, biex jinkisbu l-aħjar riżultati, dawn iridu jiġu kkunsidrati meta jiġi stabbilit profil tat-titjira bidimensjonali, billi meta jkun hemm bżonn jinqasmu s-segmenti tal-profil f'nodi tat-trajjettorja tal-art biex jiddaħħlu l-bidliet fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Bħala regola, it-tul tas-segment li jmiss ma jkunx magħruf mill-bidu nett u jiġi kkalkolat b'mod provviżorju billi ma tiġi supponuta ebda bidla fl-angolu ta' inklinazzjoni laterali. Jekk imbagħad jinstab li s-segment jestendi tul nodu wieħed jew iktar tat-trajjettorja tal-art, bl-ewwel wieħed f's, jiġifieri $s_1 < s < s_2$, is-segment jitwaqqaf f's, billi jiġu kkalkolati l-parametri ta' hemmhekk permezz ta' interpolazzjoni (ara iktar 'il quddiem). Dawn isiru l-parametri tal-punt ta' tmiem tas-segment attwali u l-parametri tal-punt tal-bidu ta' segment ġdid — li għad għandu l-istess kundizzjonijiet ta' tmiem fil-mira. Jekk ma hemm ebda nodu ta' intervent tat-trajjettorja tal-art, jiġi kkonfermat is-segment provviżorju.

Jekk l-effetti tal-liwjiet fuq il-profil tat-titjira jitwarrbu, tiġi adottata s-soluzzjoni ta' segment wieħed f'titjira dritta għad li l-informazzjoni dwar l-angolu ta' inklinazzjoni laterali tinżamm għal użu iktar tard.

Kemm jekk l-effetti tal-liwja huma mmudellati bis-sħiħ kif ukoll jekk le, kull rotta tat-titjira tridimensjonali tiġi ġġenerata billi l-profil tat-titjira bidimensjonali tagħha jingħaqad mat-trajjettorja tal-art bidimensjonali tagħha. Ir-riżultat huwa sekwenza ta' settijiet ta' koordinati (x,y,z), b'kull wieħed li huwa jew nodu tat-trajjettorja tal-art segmentata, nodu tal-profil

▼**M2**

tat-titjira, jew it-tnejn li huma, bil-punti ta' profil li jkunu akkumpanjati mill-valuri tal-għoli korrispondenti z, il-veloċità fuq l-art V, l-angolu ta' inklinazzjoni laterali ε u l-potenza tal-magna P. Għal punt ta' trajjettorja (x,y) li jaqa' bejn il-punti ta' tmiem ta' segment ta' profil tat-titjira, il-parametri tat-titjira huma interpolati kif ġej:

$$z = z_1 + f \cdot (z_2 - z_1) \tag{2.7.5}$$

$$V = \sqrt{V_1^2 + f \cdot (V_2^2 - V_1^2)} \tag{2.7.6}$$

$$\varepsilon = \varepsilon_1 + f \cdot (\varepsilon_2 - \varepsilon_1) \tag{2.7.7}$$

$$P = \sqrt{P_1^2 + f \cdot (P_2^2 - P_1^2)} \tag{2.7.8}$$

fejn

$$f = (s - s_1)/(s_2 - s_1) \tag{2.7.9}$$

Innota li filwaqt li huwa supponut li z u ε ivarjaw b'mod lineari mad-distanza, huwa supponut li V u P ivarjaw b'mod lineari maż-żmien (jiġifieri aċċelerazzjoni kostanti ([1])).

Meta s-segmenti tal-profil tat-titjira jitqabblu mad-dejta mir-radar (*analiżi tar-rotta tat-titjira*) id-distanzi, l-għoljiet, il-veloċitajiet u l-angoli ta' inklinazzjoni laterali tal-punt ta' tmiem jiġu stabbiliti direttament mid-dejta; huma biss il-parametri tal-potenza li jridu jiġu kkalkolati billi jintużaw ekwazzjonijiet tal-prestazzjoni. Peress li l-koordinati tat-trajjettorja tal-art u l-profil tat-titjira jistgħu jitqabblu kif xieraq ukoll, normalment dan ikun pjuttost sempliċi.

Segmentazzjoni tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ

Meta jinqata', waqt li inġenju tal-ajru jaċċelera bejn il-punt ta' rilaxx tal-brejkijiet (imsejjaħ ukoll Bidu tat-Tidwir *SOR*) u l-punt tal-qtugħ mill-art, il-veloċità tinbidel b'mod drammatiku tul distanza ta' 1 500 sa 2 500 m, minn żero għal bejn madwar 80 u 100 m/s.

B'hekk, it-tidwir għall-qtugħ jinqasam f'segmenti b'tul varjabbli u matulhom il-veloċità tal-inġenju tal-ajru tinbidel b'żieda speċifika ΔV ta' xejn iktar minn 10 m/s (madwar 20 kt). Għad li fil-fatt tvarja matul it-tidwir għall-qtugħ, suppożizzjoni ta' aċċelerazzjoni kostanti hija adegwata għal dan il-għan. F'dan il-każ, għall-fażi tal-qtugħ, V_1 hija l-veloċità inizjali, V_2 hija l-veloċità tal-qtugħ, n_{TO} hija n-numru ta' segment tal-qtugħ u s_{TO} hija d-distanza ekwivalenti tal-qtugħ. Għad-distanza ekwivalenti tal-qtugħ s_{TO} (ara l-**Appendiċi B**) il-veloċità tal-bidu V_1 u l-veloċità tal-qtugħ V_2, in-numru n_{TO} ta' segmenti għat-tidwir fuq l-art huwa ta'

$$n_{TO} = \text{int}(1 + (V_2 - V_1)/10) \tag{2.7.10}$$

u b'hekk il-bidla fil-veloċità tul segment hija

$$\Delta V = (V_2 - V_1)/n_{TO} \tag{2.7.11}$$

u l-ħin Δt f'kull segment huwa (b'suppożizzjoni ta' aċċelerazzjoni kostanti)

$$\Delta t = \frac{2 \cdot s_{TO}}{(V_2 + V_1) \cdot n_{TO}} \tag{2.7.12}$$

([1]) Anki jekk il-parametri tal-potenza tal-magna jibqgħu kostanti tul segment, il-forza propulsiva u l-aċċelerazzjoni jistgħu jinbidlu minħabba varjazzjoni fid-densità tal-arja mal-għoli. Madankollu, għall-finijiet ta' mmudellar tal-istobrju, dawn il-bidliet normalment ikunu negliġibbli.

▼**M2**

Imbagħad, it-tul $s_{TO,k}$ ta' segment k ($1 \leq k \leq n_{TO}$) tat-tidwir tal-qtugħ huwa:


$$s_{TO,k} = (k - 0{,}5) \cdot \Delta V \cdot \Delta t = \frac{(2k-1) \cdot s_{TO}}{n_{TO}^2} \qquad (2.7.13)$$

Eżempju:

Għal distanza tal-qtugħ s_{TO} = 1 600 m, V_1 = 0 m/s u V_2 = 75 m/s, dan irendi n_{TO} = 8 segmenti b'tul li jvarja minn 25 sa 375 metru (ara l-**Figura 2.7.g**):

Figura 2.7.g

Segmentazzjoni ta' tidwir għall-qtugħ (eżempju għal 8 segmenti)



B'mod simili għall-bidliet fil-veloċità, il-forza propulsiva tal-inġenju tal-ajru tinbidel f'kull segment permezz ta' żieda kostanti ΔP, ikkalkolata hekk

$$\Delta P = (P_{TO} - P_{init})/n_{TO} \qquad (2.7.14)$$

fejn P_{TO} u P_{init} rispettivament jindikaw il-forza propulsiva tal-inġenju tal-ajru fil-punt tal-qtugħ mill-art u l-forza propulsiva tal-inġenju tal-ajru fit-tidwir għall-qtugħ.

L-użu ta' din iż-żieda kostanti fil-forza propulsiva (minflok l-użu tal-ekwazzjoni tal-forma kwadratika 2.7.8) għandu l-għan li jkun konsistenti mar-relazzjoni lineari bejn il-forza propulsiva u l-veloċità fil-każ ta' inġenju tal-ajru b'magna ġett (ek. B-1).

Segmentazzjoni tas-segment tat-tlugħ inizjali

Matul is-segment tat-tlugħ inizjali, il-ġeometrija tinbidel malajr b'mod partikolari fir-rigward tal-postijiet tal-osservatur fuq il-ġenb tat-trajjettorja tat-titjira, fejn l-*angolu beta* jinbidel b'ħeffa waqt li l-inġenju tal-ajru jitla' tul dan is-segment inizjali. Il-paraguni ma' kalkoli tas-segment żgħar ħafna juru li segment tat-tlugħ wieħed jirriżulta f'approssimazzjoni batuta tal-istorbju fuq il-ġenb tat-trajjettorja tat-titjira għal metrija integrata. Il-preċiżjoni tal-kalkolu titjieb permezz ta' subsegmentazzjoni tal-ewwel segment tal-qtugħ mill-art. It-tul ta' kull segment u n-numru huma ferm influwenzati mill-attenwazzjoni laterali. Meta wieħed josserva l-espressjoni tal-attenwazzjoni laterali totali għal inġenji tal-ajru b'magni mmuntati fil-fuselaġġ, jista' jintwera li għal bidla ta' limitazzjoni fl-attenwazzjoni laterali ta' 1.5 dB għal kull subsegment, is-segment tat-tlugħ inizjali għandu jiġu subsegmentat fuq il-bażi tas-sett li ġej ta' valuri tal-għoli:

z = {18,9, 41,5, 68,3, 102,1, 147,5, 214,9, 334,9, 609,6, 1 289,6} metru, jew

z = {62, 136, 224, 335, 484, 705, 1 099, 2 000, 4 231} pied

L-għoli ta' hawn fuq huwa implimentat billi jiġi identifikat liema għoli minn fost dawk stabbiliti hawn fuq huwa l-eqreb wieħed għall-punt ta' tmiem tas-segment oriġinali. Imbagħad, l-għoli proprju tas-subsegment jiġi kkalkolat billi tintuża l-ekwazzjoni:

▼M2

$$z'_i = z\ [z_i/z_N]\ (i = 1...N) \qquad (2.7.15)$$

fejn z huwa l-għoli ta' tmiem tas-segment oriġinali, z_i huwa l-membru numru i tas-sett ta' valuri tal-għoli u z_N huwa l-eqreb limitu superjuri għall-għoli z. Dan il-proċess jirriżulta fil-bidla fl-attenwazzjoni laterali tul kull subsegment li jibqa' kostanti, biex b'hekk jiġu prodotti kontorni iktar preċiżi, iżda mingħajr l-iżvantaġġ li jintużaw segmenti qosra ħafna.

Eżempju:

Jekk l-għoli tal-punt ta' tmiem tas-segment oriġinali huwa ta' z = 304,8 m, f'dak il-każ mis-sett tal-valuri tal-għoli, 214,9 < 304,8 < 334,9 u l-eqreb limitu superjuri huwa għal z = 304,8 m huwa z_7 = 334,9 m. Imbagħad, l-għoli tal-punti ta' tmiem tas-subsegmenti huma kkalkolati hekk:

$$z_i' = 304{,}8\ [z_i/334{,}9]\ (i = 1\ldots N)$$

B'hekk, z_1' ikun 17,2 m u z_2' ikun 37,8 m, eċċ.

Il-valuri tal-veloċità u l-potenza tal-magna fuq il-punti mdaħħlin huma interpolati billi jintużaw l-ekwazzjonijiet (2.7.11) u (2.7.13) rispettivament.

Segmentazzjoni tas-segmenti fl-ajru

Wara li tinkiseb ir-rotta tat-titjira segmentata skont il-proċedura deskritta fis-sezzjoni 2.7.13 u tiġi applikata s-subsegmentazzjoni deskritta, jaf ikun hemm bżonn ta' aġġustamenti ulterjuri fis-segmentazzjoni. Dawn jinkludu

— it-tneħħija tal-punti tar-rotta tat-titjira li huma qrib xulxin wisq u

— it-tidħil ta' punti addizzjonali meta l-bidliet fil-veloċità tul is-segmenti jkunu twal wisq.

Meta l-punti biswit ikunu fi ħdan 10 metri minn xulxin, u meta l-veloċitajiet u l-forzi propulsivi assoċjati jkunu l-istess, għandu jiġi eliminat punt minnhom.

Għal segmenti fl-ajru, meta jkun hemm bidla sinifikanti fil-veloċità matul segment, dan għandu jiġi subdiviż bħal fil-każ tat-tidwir fuq l-art, jiġifieri

$$n_{seg} = \text{int}(1 + |V_2 - V_1|/10) \qquad (2.7.16)$$

fejn V_1 u V_2 huma l-veloċitajiet tal-bidu u t-tmiem tas-segment rispettivament. Il-parametri tas-subsegmenti korrispondenti huma kkalkolati b'mod simili bħat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ, billi jintużaw l-ekwazzjonijiet 2.7.11 sa 2.7.13.

It-tidwir fuq l-art għal-landjar

Għad li t-tidwir fuq l-art għal-landjar essenzjalment huwa bil-kontra tat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ, wieħed għandu jikkunsidra b'mod speċjali

— il-*forza propulsiva invertita* li kultant tiġi applikata biex jiddeċelera l-inġenju tal-ajru u

— l-ajrupani li jitilqu mir-runway wara deċelerazzjoni (inġenji tal-ajru li jitilqu mir-runway ma jibqgħux jikkontribwixxu għall-istorbju tal-ajru peress li l-istorbju mit-taxiing huwa injorat).

▼**M2**

Għall-kuntrarju tad-distanza tat-tidwir tal-qtugħ, li tinkiseb mill-parametri tal-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru, id-distanza tal-waqfa s_{stop} (jiġifieri d-distanza mit-touchdown sal-punt li fih l-inġenju tal-ajru jitlaq mir-runway) mhijiex purament speċifika għall-inġenji tal-ajru. Għad li tista' tiġi stmata distanza minima tal-waqfa mill-massa u l-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru (u l-forza propulsiva invertita disponibbli), id-distanza proprja tal-waqfa tiddependi wkoll mill-post tat-taxiways, is-sitwazzjoni tat-traffiku, u r-regolamenti speċifiċi tal-ajruporti dwar l-użu tal-forza propulsiva invertita.

L-użu tal-forza propulsiva invertita mhuwiex proċedura standard — huwa applikat biss jekk id-deċelerazzjoni meħtieġa ma tistax tinkiseb bl-użu tal-brejkijiet tar-roti. (Il-forza propulsiva invertita tista' tkun ta' xkiel eċċezzjonali peress li bidla rapida fil-potenza tal-magna minn diżingranaġġ għal parametru ta' forza b'lura tipproduċi tfaqqiegħa f'daqqa ta' storbju.)


Madankollu, ħafna mir-runways jintużaw għat-tluq kif ukoll għal-landjar b'tali mod li l-forza propulsiva invertita jkollha effett żgħir fuq il-kontorni tal-istorbju peress li l-enerġija tal-ħoss totali fil-viċinanza tar-runway hija ddominata mill-istorbju prodott mill-operazzjonijiet tal-qtugħ. Il-kontribuzzjonijiet tal-forza propulsiva invertita għall-kontorni jistgħu jkunu sinifikanti biss meta l-użu tar-runway ikun limitat għal operazzjonijiet ta' llandjar.

Fiżikament, l-istorbju mill-forza propulsiva invertita huwa proċess ferm kumpless iżda minħabba s-sinifikanza relattivament żgħira tiegħu għall-kontorni tal-istorbju tal-arja, jista' jiġi mmudellat b'mod issimplifikat — bil-bidla rapida fil-potenza tal-magna li tittieħed f'kunsiderazzjoni permezz ta' segmentazzjoni xierqa.

Huwa ċar li l-immudellar tat-tidwir fuq l-art għal-landjar huwa inqas sempliċi meta mqabbel ma' storbju tat-tidwir għall-qtugħ. Is-suppożizzjonijiet issimplifikati li ġejjin għall-immudellar huma rrakkomandati għal użu ġenerali, meta ma tkun disponibbli ebda informazzjoni dettaljata (ara l-**Figura 2.7.h**).

Figura 2.7.h

Immudellar tat-tidwir fuq l-art għal-landjar



▼**M2**

L-ajruplan jinżel 300 metru barra s-soll tal-landjar (li għandu l-koordinat s = 0 tul it-trajjettorja tal-art ta' avviċinament). Imbagħad l-inġenju tal-ajru jiddeċelera tul distanza ta' waqfien s_{stop} — li l-valuri speċifiċi tagħha għall-inġenju tal-ajru jingħataw fid-database tal-ANP — mill-veloċità tal-avviċinament finali V_{final} għal 15 m/s. Minħabba l-bidliet rapidi fil-veloċità tul dan is-segment, dan għandu jiġi subsegmentat bl-istess mod bħat-tidwir fuq l-art għall-qtugħ (jew is-segmenti fl-ajru b'bidliet rapidi fil-veloċità), billi jintużaw l-ekwazzjonijiet 2.7.10 sa 2.7.13.

Il-bidliet fil-potenza tal-magna mill-potenza tal-avviċinament finali fit-touchdown għal parametru tal-potenza tal-forza propulsiva invertita P_{rev} tul distanza $0{,}1 \times s_{stop}$, imbagħad tonqos għal 10 % tal-potenza disponibbli massima tul id-90 fil-mija li jifdal tad-distanza tal-waqfien. Sa tmiem ir-runway (f'$s = -s_{\mathrm{RWY}}$) il-veloċità tal-inġenju tal-ajru tibqa' kostanti.

Bħalissa l-kurvi tal-NPD għall-forza propulsiva invertita mhumiex inklużi fid-database tal-ANP, u għaldaqstant hemm bżonn li jintużaw il-kurvi konvenzjonali għall-immudellar ta' dan l-effett. Tipikament, il-potenza tal-forza propulsiva invertita P_{rev} hija madwar 20 % tal-parametru tal-potenza sħiħa u dan huwa rrakkomandat meta ma jkun hemm ebda informazzjoni operattiva disponibbli. Madankollu, f'parametru tal-potenza partikolari, il-forza propulsiva invertita għandha t-tendenza li tiġġenera ħafna iktar storbju milli forza propulsiva 'l quddiem u għandha tiġi applikata żieda ΔL fil-livell ta' event derivat mill-NPD, b'żieda minn żero għal valur ΔL_{rev} (5dB huwa rrakkomandat b'mod provviżorju ([1])) tul $0{,}1 \times s_{stop}$ u mbagħad tnaqqis lineari għal żero tul il-bqija tad-distanza tal-waqfien.

2.7.14. *Kalkolu tal-istorbju għal event wieħed*

Il-qofol tal-proċess ta' mmudellar, deskritt hawnhekk bis-sħiħ, huwa l-kalkolu tal-livell ta' storbju ta' event mill-informazzjoni tar-rotta tat-titjira deskritta fis-**sezzjonijiet 2.7.7 sa 2.7.13**.

2.7.15. *Metrija ta' event wieħed*

Il-ħoss iġġenerat minn moviment tal-inġenju tal-ajru fil-post tal-osservatur jingħata bħala "livell ta' ħoss (jew storbju) ta' event wieħed", kwantità li hija indikatur tal-impatt tiegħu fuq in-nies. Il-ħoss riċevut jitkejjel f'termini ta' storbju billi tintuża skala bażika ta' deċibel $L(t)$ li tapplika ponderazzjoni tal-frekwenza (jew filtru) biex timita l-karatteristika ta' smigħ tal-bniedem. L-iskala tal-ikbar importanza fl-immudellar tal-kontorni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru hija l-livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat A, L_A.

L-iktar metrija li spiss tintuża biex jiġu koperti eventi sħaħ hija l-'livelli ta' espożizzjoni akustika (jew għall-istorbju) ta' event wieħed', L_E, li tkopri l-enerġija tal-ħoss kollha (jew ħafna minnha) fl-eventi. Il-kunsiderazzjoni tal-integrazzjoni tal-ħin li dan jinvolvi toħloq il-kumplikazzjonijiet tal-immudellar tas-segmentazzjoni (jew simulazzjoni). Huwa iktar sempliċi li tiġi mmudellata metrija alternattiva L_{max} li hija l-livell istantanju massimu li jseħħ matul l-event; madankollu huwa L_E li huwa l-blokka bażika għall-bini ta' ħafna mill-iktar indiċijiet moderni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru u fil-ġejjieni l-mudelli prattiċi jistgħu jkunu mistennijin jinkorporaw kemm L_{max} kif ukoll L_E. Kwalunkwe metrija minnhom tista' titkejjel fuq skali differenti tal-istorbju; f'dan id-dokument huwa kkunsidrat biss il-livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat A. Simbolikament, l-iskala normalment tiġi indikata billi jiġi estiż is-suffiss tal-metrija, jiġifieri L_{AE}, L_{Amax}.

([1]) Dan kien irrakkomandat fl-edizzjoni ta' qabel tad-Dok 29 tal-ECAC iżda jibqa' meqjus provviżorju sakemm tinkiseb dejta sperimentali korroborattiva ulterjuri.

▼M2

Il-livell ta' espożizzjoni akustika (jew storbju) ta' event wieħed huwa espress eżatt bħala

$$L_E = 10 \cdot \lg\left(\frac{1}{t_0}\int_{t_1}^{t_2} 10^{L(t)/10}dt\right) \qquad (2.7.17)$$

fejn t_0 tirrappreżenta ħin ta' referenza. L-intervall ta' integrazzjoni $[t_1,t_2]$ jintgħażel biex jiġi żgurat li huwa kopert (kważi) il-ħoss sinifikanti kollu fl-event. Spiss, il-limiti t_1 u t_2 jintgħażlu biex ikopru l-perjodu li fih il-livell $L(t)$ jaqa' fi ħdan 10 dB tal-L_{max}. Dan il-perjodu huwa magħruf bħala l-ħin ta' "inqas minn 10-dB". Il-livelli ta' espożizzjoni akustika (storbju) miġburin f'tabella fid-database tal-ANP huma valuri inqas minn 10-dB ([1]).

Għal immudellar tal-kontorni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru, l-applikazzjoni ewlenija tal-ekwazzjoni 2.7.17 hija l-metrija standard *Livell ta' Espożizzjoni Akustika* L_{AE} (akronimu SEL):

$$L_{AE} = 10 \cdot \lg\left(\frac{1}{t_0}\int_{t_1}^{t_2} 10^{L_A(t)/10}dt\right) \text{ b' } t_0 = 1 \text{ sekonda} \qquad (2.7.18)$$

L-ekwazzjonijiet tal-livell ta' espożizzjoni ta' hawn fuq jistgħu jintużaw biex jiġu stabbiliti l-livelli tal-event meta tkun magħrufa l-istorja sħiħa tal-ħin ta' $L(t)$. Fil-metodoloġija rrakkomandata għall-immudellar tal-istorbju, mhumiex iddefiniti tali rekords ta' ħin; il-livelli ta' espożizzjoni tal-event huma kkalkolati billi jingħaddu l-valuri tas-segment, il-livelli tal-event parzjali li kull wieħed minnhom jiddefinixxi l-kontribuzzjoni minn segment uniku finit tar-rotta tat-titjira.

2.7.16. *Stabbiliment tal-livelli tal-event mid-dejta NPD*

Is-sors ewlieni tad-dejta dwar l-istorbju tal-inġenji tal-ajru huwa d-database internazzjonali dwar il-Prestazzjoni u l-Istorbju tal-Inġenji tal-Ajru (ANP). Din tiġbor f'tabella L_{max} u L_E bħala funzjonijiet tad-distanza ta' propagazzjoni d — għal tipi speċifiċi ta' inġenji tal-ajru, varjanti, konfigurazzjonijiet tat-titjira (avviċinament, tluq, parametri tal-flaps), u l-parametri tal-potenza P. Huma relatati ma' titjir dritt b'veloċitajiet speċifiċi ta' referenza V_{ref} tul rotta tat-titjira dritta nozzjonalment infinita ([2]).

Kif jiġu speċifikati l-valuri tal-varjabbli indipendenti P u d huwa deskritt iktar tard. F'look-up waħda, b'valuri mdaħħlin P u d, il-valuri tal-output meħtieġa huma l-*livelli bażi* $L_{max}(P,d)$ u/jew $L_{E\infty}(P,d)$ (applikabbli għal rotta tat-titjira infinita). Sakemm il-valuri ma jinzertawx imdaħħlin fit-tabella għal P u/jew d bl-eżatt, ġeneralment ser ikun hemm bżonn li jiġi stmat il-livell(i) ta' storbju meħtieġa tal-event permezz ta' interpolazzjoni. Tintuża interpolazzjoni lineari bejn parametri tal-potenza mdaħħlin f'tabella, filwaqt li tintuża interpolazzjoni logaritmika bejn id-distanzi fit-tabella (ara l-**Figura 2.7.i**).


([1]) L_E inqas minn 10dB jista' jasal sa 0,5 dB inqas minn L_E evalwat tul durata itwal. Madankollu, ħlief f'distanzi f'inklinazzjoni qasira fejn il-livelli tal-event huma għoljin, l-istorbju ambjentali estranju spiss irendi l-intervalli ta' kejl itwal imprattiċi u l-valuri inqas minn 10-dB huma n-norma. Peress li anki l-istudji tal-effetti tal-istorbju (użati biex "jikkalibraw" il-kontorni tal-istorbju) għandhom it-tendenza li jiddependu fuq valuri inqas minn 10-dB, it-tabelli tal-ANP jitqiesu li huma kompletament xierqa.

([2]) Għad li l-kunċett ta' rotta tat-titjira twila b'mod infinit huwa importanti għad-definizzjoni tal-livelli ta' espożizzjoni akustika ta' event L_E, għandha inqas relevanza fil-każ ta' livell massimu ta' event L_{max} li huwa rregolat mill-istorbju li jagħmel l-inġenju tal-ajru meta jkun f'pożizzjoni partikolari fl-eqreb punt ta' avviċinament għall-osservatur jew fil-viċin. Għall-finijiet ta' mmudellar, il-parametru tad-distanza tal-NPD jitqies li huwa d-distanza minima bejn l-osservatur u s-segment.

▼M2

Figura 2.7.i

Interpolazzjoni fil-kurvi ta' storbju-potenza-distanza



Jekk P_i u P_{i+1} huma valuri tal-potenza tal-magna li għalihom id-dejta dwar il-livell ta' storbju versus id-distanza hija miġbura f'tabella, il-livell ta' storbju $L(P)$ f'distanza partikolari għal potenza intermedja P, bejn P_i u P_{i+1},tinkiseb permezz ta':

$$L(P) = L(P_i) + \frac{L(P_{i+1}) - L(P_i)}{P_{i+1} - P_i} \cdot (P - P_i) \qquad (2.7.19)$$

Jekk, b'xi parametru tal-potenza, d_i u d_{i+1} huma distanzi li għalihom hija miġbura f'tabella d-dejta dwar l-istorbju, il-livell ta' storbju $L(d)$ għal distanza intermedja d, bejn d_i u d_{i+1} jinkiseb permezz ta'

$$L(d) = L(d_i) + \frac{L(d_{i+1}) - L(d_i)}{\lg d_{i+1} - \lg d_i} \cdot (\lg d - \lg d_i) \qquad (2.7.20)$$

Billi jintużaw l-ekwazzjonijiet (2.7.19) u (2.7.20), jista' jinkiseb livell ta' storbju $L(P,d)$ għal kwalunkwe parametru tal-potenza P u kwalunkwe distanza d li taqa' fi ħdan il-limitu tad-database tal-NPD.

Għal distanzi d li jaqgħu barra l-limitu tal-NPD, tintuża l-ekwazzjoni 2.7.20 biex issir estrapolazzjoni mill-aħħar żewġ valuri, jiġifieri 'l ġewwa minn $L(d_1)$ u $L(d_2)$ jew 'il barra minn $L(d_{I-1})$ u $L(d_I)$ fejn I huwa n-numru totali ta' punti tal-NPD fuq il-kurva. B'hekk

'Il ġewwa: $$L(d) = L(d_2) + \frac{L(d_1) - L(d_2)}{\lg d_2 - \lg d_1} \cdot (\lg d_2 - \lg d) \qquad (2.7.21)$$

'Il barra: $$L(d) = L(d_{I-1}) - \frac{L(d_I - 1) - L(d_I)}{\lg d_I - \lg d_{I-1}} \cdot (\lg d - \lg d_{I-1}) \qquad (2.7.22)$$

Peress li, fuq distanzi qosra d, il-livelli ta' storbju jiżdiedu malajr ħafna filwaqt li tonqos id-distanza ta' propagazzjoni, huwa rrakkomandat li jiġi impost limitu inferjuri ta' 30 m fuq d, jiġifieri d = max(d, 30 m).

A ġ ġ u s t a m e n t t a l - i m p e d e n z a t a d - d e j t a N P D s t a n d a r d

Id-dejta NPD ipprovduta fid-database tal-ANP hija normalizzata għall-kundizzjonijiet atmosferiċi speċifiċi (temperatura ta' 25 °C u pressjoni ta' 101,325 kPa). Qabel ma jiġi applikat il-metodu ta' interpolazzjoni/estrapolazzjoni deskritt qabel, għandu jiġi applikat aġġustament tal-impedenza akustika għal din id-dejta NPD standard.

▼M2

L-impedenza akustika hija relatata mal-propagazzjoni tal-mewġ tal-ħoss f'midjum akustiku, u hija definita bħala l-prodott tad-densità tal-arja u l-veloċità akustika. Għal intensità tal-ħoss partikolari (potenza għal kull żona tal-unità) perċepita f'distanza speċifika mis-sors, il-pressjoni tal-ħoss assoċjata (użata biex tiġi definita l-metrija ta' SEL L_{Amax}) tiddependi mill-impedenza akustika tal-arja fil-post tal-kejl. Hija funzjoni tat-temperatura, il-pressjoni atmosferika (u indirettament l-altitudni). Għaldaqstant hemm bżonn li tiġi aġġustata d-dejta NPD standard tad-database tal-ANP sabiex jingħata kont lit-temperatura u l-kundizzjonijiet tal-pressjoni proprji fil-punt riċeventi, li ġeneralment ikunu differenti mill-kundizzjonijiet normalizzati tad-dejta tal-ANP.

L-aġġustament tal-impedenza li jrid jiġi applikat għal-livelli standard tal-NPD jinkiseb kif ġej:

$$\Delta_{Impedance} = 10 \cdot \lg\left(\frac{\rho \cdot c}{409{,}81}\right) \qquad (2.7.23)$$

fejn:

$\Delta_{Impedance}$ Aġġustament tal-impedenza għall-kundizzjonijiet atmosferiċi attwali fil-punt riċeventi (dB)

$\rho \cdot c$ Impedenza akustika (sekondi newton/m^3) tal-arja fil-punt riċeventi (409,81 li hija l-impedenza tal-arja assoċjata mal-kundizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza tad-dejta NPD fid-database tal-ANP).

L-impedenza ρ·c hija kkalkolata kif ġej:

$$\rho \cdot \mathrm{c} = 416{,}86 \cdot \left[\frac{\delta}{\theta^{1/2}}\right] \qquad (2.7.24)$$

δ p/p_o, il-proporzjon tal-pressjoni tal-arja ambjentali fl-altitudni tal-osservatur għall-pressjoni tal-arja standard fil-livell medju tal-baħar: p_o = 101,325 kPa (or 1 013,25 mb)

θ $(T + 273{,}15)/(T_0 + 273{,}15)$ il-proporzjon tat-temperatura tal-arja fl-altitudni tal-osservatur għat-temperatura tal-arja standard fil-livell medju tal-baħar: T_0 = 15,0 °C

L-aġġustament tal-impedenza akustika normalment ikun inqas minn ftit partijiet minn għaxra ta' dB. B'mod partikolari, ta' min jinnota li fil-kundizzjonijiet atmosferiċi standard (po = 101,325 kPa u T_0 = 15,0 °C), l-aġġustament tal-impedenza huwa inqas minn 0,1 dB (0,074 dB). Madankollu, meta jkun hemm varjazzjoni importanti fit-temperatura u l-pressjoni atmosferika fir-rigward tal-kundizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza tad-dejta NPD, l-aġġustament jista' jkun iktar sostanzjali.

2.7.17. *Espressjonijiet ġenerali*

Livell ta' event tas-segment Lseg

Il-valuri tas-segment huma stabbiliti billi jiġu applikati aġġustamenti għall-valuri bażi (passaġġ infinit) miksubin mid-dejta NPD. Il-livell ta' storbju massimu minn segment wieħed tar-rotta tat-titjira $L_{max,seg}$ jista' jinkiseb b'mod ġenerali b'dan il-mod

$$L_{max,seg} = L_{max}(P,d) + \Delta_I(\varphi) - \Lambda(\beta,\ell) \qquad (2.7.25)$$

▼**M2**

u l-kontribuzzjoni minn segment wieħed tar-rotta tat-titjira għal L_E b'dan il-mod

$$L_{E,seg} = L_{E\infty}(P,d\ ) + \Delta_V + \Delta_I(\varphi) - \Lambda(\beta,\ell) + \Delta_F \quad (2.7.26)$$

It-'termini ta' korrezzjoni' fl-ekwazzjonijiet 2.7.25 u 2.7.26 — li huma deskritti f'dettall fis-sezzjoni 2.7.19 — jagħtu kont lill-effetti li ġejjin:

Δ_V *Korrezzjoni tad-durata:* id-dejta NPD hija relatata ma' veloċità tat-titjira ta' referenza. Din taġġusta l-livelli ta' espożizzjoni għal veloċitajiet mhux ta' referenza. (Mhijiex applikata għal $L_{max,seg}$.)

Δ_I (φ) *Effett tal-installazzjoni:* jiddeskrivi varjazzjoni fid-*direttività laterali* dovuta għall-ilqugħ, ir-refrazzjoni u r-riflessjoni kkaġunati mill-qafas u l-magni tal-inġenju tal-ajru u l-kampijiet tal-fluss tal-madwar.

Λ(β,ℓ) *Attenwazzjoni laterali:* sinifikanti għall-propagazzjoni tal-ħoss f'angoli baxxi għall-art, din tirrappreżenta l-interazzjoni bejn il-mewġ tal-ħoss dirett u rifless (effett tal-art) u għall-effetti ta' nuqqas ta' uniformitajiet atmosferiċi (primarjament ikkaġunati mill-art) li jirrifrattaw il-mewġ tal-ħoss hekk kif jivjaġġaw lejn l-osservatur maġenb ir-rotta tat-titjira.

Δ_F *Korrezzjoni tas-segment finit (frazzjoni tal-ħoss):* tirrappreżenta t-tul finit tas-segment li ovvjament jikkontribwixxi inqas esponiment għall-istorbju minn dak infinit. Hija applikata biss għal metrija tal-esponiment.

Jekk is-segment huwa parti mit-tidwir fuq l-art għall-qtugħ jew il-landjar u l-osservatur jinsab wara s-segment ikkonċernat, jittieħdu passi speċjali biex tiġi rrappreżentata d-direzzjonalità evidenti tal-istorbju tal-magna ġett li hija osservata wara inġenju tal-ajru lest għall-qtugħ. Dawn il-passi speċjali jirriżultaw b'mod partikolari fl-użu ta' forma partikolari tal-istorbju għal-livell ta' esponiment:

$$L_{max,seg} = L_{max}(P,d) + \Delta_I(\varphi) - \Lambda(\beta,\ell) + \Delta_{SOR} \quad (2.7.27)$$

$$L_{E,seg} = L_{E\infty}(P,d) + \Delta_V + \Delta_I(\varphi) - \Lambda(\beta,\ell) + \Delta'_F + \Delta_{SOR} \quad (2.7.28)$$

Δ'_F Forma partikolari tal-*Korrezzjoni tas-segment*

Δ_{SOR} *Korrezzjoni tad-direttività:* tagħti kont lid-direzzjonalità evidenti tal-istorbju tal-magna ġett wara s-segment tat-tidwir fuq l-art

It-trattament speċifiku tas-segmenti ta' tidwir fuq l-art huwa deskritt fis-sezzjoni 2.7.19.

Is-sezzjonijiet ta' hawn taħt jiddeskrivu l-kalkolu tal-livelli ta' storbju tas-segment.

▼M2

Livell ta' storbju tal-event L ta' moviment tal-inġenju tal-ajru

Il-livell massimu L_{max} huwa sempliċiment l-ikbar wieħed mill-valuri tas-segment *Lmax,seg* (ara l-ekwazzjonijiet **2.7.25 u 2.7.27**)

$$L_{max} = \max(L_{max,seg}) \tag{2.7.29}$$

fejn kull valur tas-segment huwa stabbilit mid-dejta NPD tal-inġenju tal-ajru għall-potenza *P* u d-distanza *d*. Dawn il-parametri u t-termini tal-modifikatur $\Delta_I(\varphi)$ u $\Lambda(\beta,\ell)$ huma spjegati hawn taħt.

Il-livell ta' espożizzjoni *LE* huwa kkalkolat bħala s-somma f'deċibel tal-kontribuzzjonijiet *LE,seg* minn kull segment sinifikanti għall-istorbju tar-rotta tat-titjira tiegħu; jiġifieri

$$L_E = 10 \cdot \lg\left(\sum 10^{L_{E,seg}/10}\right) \tag{2.7.30}$$

Is-somma tipproċedi pass, pass tul is-segmenti tar-rotta tat-titjira.

Il-bqija ta' dan il-kapitlu jirrigwarda l-istabbiliment tal-livelli ta' storbju tas-segment $L_{max,seg}$ u $L_{E,seg}$.

2.7.18. *Parametri tas-segment tar-rotta tat-titjira*

Il-potenza P, u d-distanza d, li għalihom il-livelli bażi $L_{max,seg}$ *(P,d)* u $L_{E\infty}$ *(P,d)* huma interpolati mit-tabelli NPD, huma stabbiliti mill-parametri ġeometriċi u operattivi li jiddefinixxu s-segment. Kif isir dan huwa spjegat hawn taħt bl-għajnuna tal-illustrazzjonijiet tal-pjan li jinkludi s-segment u l-osservatur.

Parametri ġeometriċi

Il-**Figuri 2.7.j sa 2.7.l** juru l-ġeometriji tas-sors-riċevitur meta l-osservatur **O** jkun (a) wara, (b) maġenb u (c) quddiem is-segment $\mathbf{S_1S_2}$ fejn id-direzzjoni tat-titjira hija minn $\mathbf{S_1}$ sa $\mathbf{S_2}$. F'dawn id-dijagrammi

O huwa l-pożizzjoni tal-osservatur

$\mathbf{S_1}$, $\mathbf{S_2}$ huma l-bidu u t-tmiem tas-segment

$\mathbf{S_p}$ huwa l-punt tal-eqreb avviċinament perpendikolari għall-osservatur fuq is-segment jew l-estensjoni tiegħu

d_1, d_2 huma d-distanzi bejn il-bidu, it-tmiem tas-segment u l-osservatur

d_s hija l-iqsar distanza bejn l-osservatur u s-segment

d_p hija d-distanza perpendikolari bejn l-osservatur u s-segment estiż (*distanza oblika minima*)

λ huwa t-tul tas-segment tar-rotta tat-titjira

q hija d-distanza minn $\mathbf{S_1}$ sa $\mathbf{S_p}$ (negattiva jekk il-pożizzjoni tal-osservatur hija wara s-segment)

▼**M2**

Figura 2.7.j

Ġeometrija tas-segment tar-rotta tat-titjira għall-osservatur wara s-segment




Figura 2.7.k

Ġeometrija tas-segment tar-rotta tat-titjira għall-osservatur maġenb is-segment





Figura 2.7.l

Ġeometrija tas-segment tar-rotta tat-titjira għall-osservatur quddiem is-segment



Is-segment tar-rotta tat-titjira huwa rrappreżentat minn linja skurata u solida. Il-linja ttikkjata tirrappreżenta l-*estensjoni tar-rotta tat-titjira* li tibqa' sejra għall-infinit fiż-żewġ direzzjonijiet. Għal segmenti fl-ajru, meta l-metrija tal-avveniment tkun livell ta' espożizzjoni L_E, il-parametru tad-distanza tal-NPD d huwa d-disanza d_p bejn $\mathbf{S_p}$ u l-osservatur, imsejħa d-*distanza oblika minima* (jiġifieri d-distanza perpendikolari mill-osservatur sas-segment jew l-estensjoni tiegħu, fi kliem ieħor sar-rotta tat-titjira infinita (ipotetika) li s-segment jitqies parti minnha).

▼M2

Madankollu, għal metrija tal-livell ta' espożizzjoni fejn il-pożizzjonijiet tal-osservaturi jkunu wara s-segmenti tal-art tul it-tidwir għall-qtugħ u l-pożizzjonijiet quddiem is-segmenti fuq l-art matul it-tidwir għal-landjar, il-parametru tad-distanza tal-NPD d isir id-distanza d_s, l-iqsar distanza mill-osservatur sas-segment (jiġifieri l-istess bħal għal metrija tal-livell massimu).

Għal metrija tal-livell massimu, il-parametru tad-distanza tal-NPD d huwa d_s, l-iqsar distanza mill-osservatur sas-segment.

Potenza tas-segment P

Id-dejta NPD miġbura f'tabella tiddeskrivi l-istorbju ta' inġenju tal-ajru f'titjira dritta kostanti fuq rotta infinita tat-titjira, jiġifieri b'potenza tal-magna kostanti P. Il-metodoloġija rrakkomandata taqsam ir-rotot tat-titjira proprji, li matulhom ivarjaw il-veloċità u d-direzzjoni, f'għadd ta' segmenti finiti, b'kull wieħed li mbagħad jittieħed biex ikun parti minn rotta tat-titjira uniformi u infinita li għaliha hija valida d-dejta NPD. Iżda l-metodoloġija tipprovdi għal bidliet fil-potenza tul segment; din titqies li tinbidel b'mod lineari mad-distanza minn P_1 fil-bidu sa P_2 fit-tmiem tagħha. Għalhekk hemm bżonn li jiġi definit valur kostanti ekwivalenti tas-segment P. Dan jitqies li huwa l-valur fil-punt tul is-segment li huwa l-eqreb għall-osservatur. Jekk l-osservatur huwa maġenb is-segment (Figura 2.7.k), dan jinkiseb b'interpolazzjoni kif miksuba mill-ekwazzjoni 2.7.8 bejn il-valuri ta' tmiem, jiġifieri

$$P = \sqrt{P_1^2 + \frac{q}{\lambda} \cdot (P_2^2 - P_1^2)} \qquad (2.7.31)$$

Jekk l-osservatur qiegħed wara jew quddiem is-segment, dan huwa dak fl-eqreb punt ta' tmiem, P_1 jew P_2.

2.7.19. *Termini ta' korrezzjoni tal-livell ta' Event tas-segment*

Id-dejta NPD tiddefinixxi livelli ta' event ta' storbju bħala funzjoni tad-distanza perpendikolarment taħt rotta f'livell dritt idealizzata ta' tul infinit li matulha l-inġenju tal-ajru jtir b'potenza kostanti b'veloċità ta' referenza fissa ([1]). B'hekk, il-livell ta' event interpolat mit-tabella tal-NPD għal parametru speċifiku tal-potenza u distanza oblika speċifika huwa deskritt bħala *livell bażi*. Japplika għal rotta tat-titjira infinita u jrid jiġi kkoreġut sabiex jagħti kont lill-effetti ta' (1) veloċità mhux ta' referenza, (2) installazzjoni tal-magna (direttività laterali), (3) attenwazzjoni laterali, (4) tul tas-segment finit u (5) direttività longitudinali wara l-bidu tat-tidwir mal-qtugħ — ara l-ekwazzjonijiet 2.7.25 u 2.7.26.

Il-korrezzjoni tad-durata ΔV (Livelli ta' espożizzjoni LE biss)

Din il-korrezzjoni ([2]) tagħti kont lil bidla fil-livelli ta' espożizzjoni jekk il-veloċità attwali fuq l-art tas-segment hija differenti mill-veloċità ta' referenza V_{ref} tal-inġenju tal-ajru li magħha hija relatata d-dejta NPD bażika. Bħall-potenza tal-magna, il-veloċità tvarja tul is-segment (veloċità tal-art tvarja minn V_1 sa V_2) u hemm bżonn li tiġi ddefinita veloċità tas-segmenti ekwivalenti V_{seg} filwaqt li jitfakkar li s-segment huwa inklinat lejn l-art; jiġifieri

([1]) L-ispeċifikazzjonijiet tal-NPD jeħtieġu li d-dejta tkun ibbażata fuq kejliet ta' titjira *dritta* kostanti, mhux bilfors f'livell; sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa tat-titjira, ir-rotta tat-titjira tal-inġenju tal-ajru tat-test tista' tkun inklinata lejn l-orizzontali. Madankollu, kif ser jintwera, rotot inklinati ser iwasslu għal diffikultajiet fil-kalkoli u, meta tintuża d-dejta għall-immudellar, ikun jaqbel li r-rotot tas-sors jiġu vviżwalizzati kemm dritti kif ukoll f'livell.

([2]) Din hija magħrufa bħala l-*korrezzjoni tad-durata* għaliex tagħti kont lill-effetti tal-*veloċità* tal-inġenju tal-ajru fuq id-durata tal-event akustiku — l-implimentazzjoni tas-sempliċi suppożizzjoni li, jekk mill-bqija kollox jibqa' kif inhu, id-durata, u b'hekk l-enerġija tal-hoss ta' event riċevuta, hija proporzjonali b'mod invers għall-veloċità tas-sors.

▼**M2**

$$V_{seg} = V/\cos\gamma \qquad (2.7.32)$$

fejn hawnhekk V hija veloċità fuq l-art ekwivalenti tas-segment (għal informazzjoni, ara l-Ekwazzjoni B-22 li tesprimi V f'termini ta' veloċità fl-ajru kkalibrata, V_c u

$$\gamma = \tan^{-1}\left(\frac{z_2 - z_1}{s_2 - s_1}\right) \qquad (2.7.33)$$

Għal segmenti fl-ajru, V titqies li hija l-veloċità fuq l-art fl-eqreb punt ta' avviċinament **S** — interpolata bejn il-valuri tal-punt ta' tmiem tas-segment filwaqt li jiġi supponut li tvarja b'mod lineari mal-ħin; jiġifieri jekk l-osservatur huwa maġenb is-segment:

$$V = \sqrt{V_1^2 + \frac{q}{\lambda} \cdot (V_2^2 - V_1^2)} \qquad (2.7.34)$$

Jekk l-osservatur qiegħed wara jew quddiem is-segment, dan huwa dak fl-eqreb punt ta' tmiem, V_1 jew V_2.

Għas-segmenti tar-runway (partijiet mit-tidwir fuq l-art għall-qtugħ jew il-landjar li għalihom $\gamma = 0$) V_{seg} titqies li hija sempliċiment il-medja tal-veloċitajiet tal-bidu u tat-tmiem tas-segment; jiġifieri

$$V_{seg} = (V_1 + V_2)/2 \qquad (2.7.35)$$

Fi kwalunkwe każ, il-korrezzjoni tad-durata addittiva tiġi kkalkolata hekk


$$\Delta_V = 10 \cdot \lg(V_{ref}/V_{seg}) \qquad (2.7.36)$$

Ġeometrija tal-propagazzjoni ta' ħoss

Il-**Figura 2.7.l** turi l-ġeometrija bażika fil-pjan normali għar-rotta tat-titjira tal-inġenju tal-ajru. Il-linja tal-art hija l-intersezzjoni tal-pjan normali u l-pjan livell tal-art. (Jekk ir-rotta tat-titjira hija f'livell, il-linja tal-art hija dehra ta' tmiem tal-pjan tal-art.) L-inġenju tal-ajru jxaqleb 'il ġewwa f'angolu ε imkejjel kontra l-arloġġ fuq l-assi tat-tidwir tiegħu (jiġifieri l-ġewnaħ tal-lemin 'il fuq). Għaldaqstant huwa pożittiv għal dawriet fuq ix-xellug u negattiv għal dawriet fuq il-lemin.

Figura 2.7.m

L-angoli tal-osservatur tal-inġenju tal-ajru fil-pjan normali għar-rotta tat-titjira



▼M2

— L-*angolu ta' elevazzjoni* β (bejn 0 u 90°) bejn il-passaġġ dirett tal-propagazzjoni ta' ħoss u l-linja ([1]) tal-art livell jiddetermina, flimkien mal-inklinazzjoni tar-rotta tat-titjira u l-ispostament laterali ℓ tal-osservatur mit-trajjettorja tal-art, l-attenwazzjoni laterali.

— L-*angolu ta' dipressjoni* φ bejn il-pjan tal-ġewnaħ u l-passaġġ ta' propagazzjoni, jistabbilixxi l-effetti tal-installazzjoni tal-magna. Fir-rigward tal-konvenzjoni għall-angolu ta' inklinazzjoni laterali $\varphi = \beta \pm \varepsilon$ bis-sinjal pożittiv għall-osservatur fuq il-lemin u negattiv għall-osservaturi fuq ix-xellug.

K o r r e z z j o n i t a l - i n s t a l l a z z j o n i t a l - m a g n a ΔI

Inġenju tal-ajru f'titjira huwa sors ta' storbju kumpless. Mhux talli s-sorsi tal-magni (u l-qafas tal-inġenju tal-ajru) huma kumplessi fl-oriġini, iżda anki l-konfigurazzjoni tal-qafas tal-inġenju tal-ajru, b'mod partikolari l-pożizzjoni tal-magni, jinfluwenzaw il-mudelli tar-radjazzjoni tal-istorbju tul il-proċessi ta' riflessjoni, rifrazzjoni u tifrix mis-superfiċji solidi u l-kampijiet tal-flussi ajrudinamiċi. Dan jirriżulta f'direzzjonalità mhux uniformi tal-ħoss radjat lateralment fuq l-assi tat-tidwir tal-inġenju tal-ajru, hawnhekk imsejħa *direttività laterali*.

Hemm differenzi sinifikanti fid-direttività laterali bejn inġenji tal-ajru b'magni mmuntati fil-fuselaġġ u dawk immuntati taħt il-ġwienaħ u dawn huma rrappreżentati fl-espressjoni li ġejja:

$$\Delta_I(\varphi) = 10 \cdot \lg[(a \cdot \cos^2\varphi + \sin^2\varphi)^b / (c \cdot \sin^2 2\varphi + \cos^2 2\varphi)] \quad \text{dB} \quad (2.7.37)$$

fejn Δ_I (φ) hija l-korrezzjoni, f'dB, fl-angolu ta' dipressjoni φ (ara l-**Figura 2.7.m**) u

$a = 0{,}00384, \quad b = 0{,}0621, \quad c = 0{,}8786$ għal magni mmuntati taħt il-ġwienaħ u

$a = 0{,}1225, \quad b = 0{,}3290, \quad c = 1$ għal magni mmuntati fil-fuselaġġ.

Għal inġenji tal-ajru bl-iskrun, il-varjazzjonijiet fid-direttività huma negliġibbli u għal dawn jista' jiġi supponut li

$$\Delta_I(\varphi) = 0 \quad (2.7.38)$$


Il-**Figura 2.7.n** turi l-varjazzjoni ta' Δ_I (φ) fuq l-assi tat-tidwir tal-inġenju tal-ajru għat-tliet installazzjonijiet tal-magni. Dawn ir-relazzjonijiet empiriċi ġew derivati mill-SAE minn kejliet sperimentali li jsiru primarjament taħt il-ġewnaħ. Sakemm tiġi analizzata d-dejta ta' fuq il-ġewnaħ, huwa rrakkomandat li għal φ negattiv, $\Delta_I(\varphi) = \Delta_I(0)$ għall-installazzjonijiet kollha.

([1]) Fil-każ ta' art mhux ċatta jista' jkun hemm definizzjonijiet differenti ta' angolu ta' elevazzjoni. Hawnhekk huwa ddefinit mill-għoli tal-inġenju tal-ajru fuq il-punt ta' osservazzjoni u d-distanza tal-inklinazzjoni — b'hekk jiġu injorati l-gradjenti tal-art lokali kif ukoll l-ostakoli fuq il-passaġġ ta' propagazzjoni tal-ħoss (ara s-sezzjonijiet 2.7.6 u 2.7.10). Fil-każ li, minħabba l-elevazzjoni tal-art, il-punt riċeventi jkun fuq l-inġenju tal-ajru, l-angolu tal-elevazzjoni β jiġi żero.

▼M2

Figura 2.7.n

Direttività laterali tal-effetti tal-installazzjoni



Huwa supponut li Δ_I (φ) hija bidimensjonali; jiġifieri ma tiddependix minn xi parametru ieħor — u b'mod partikolari li ma tvarjax mad-distanza longitudinali tal-osservatur mill-inġenju tal-ajru. Dan ifisser li l-*angolu ta' elevazzjoni* β għal Δ_I (φ) huwa definit bħala $\beta = \tan^{-1}(z/\ell)$. Dan isir għall-konvenjenza tal-immudellar sakemm ikun hemm fehim aħjar tal-mekkaniżmi; fil-verità, l-effetti tal-installazzjoni jridu jkunu sostanzjalment tridimensjonali. Minkejja dan, mudell bidimensjonali huwa ġġustifikat mill-fatt li l-livelli ta' event għandhom it-tendenza li jkunu ddominati minn storbju radjat lejn il-ġenb mill-eqreb segment.

Attenwazzjoni laterali $\Lambda(\beta,\ell)$ (rotta tat-titjira infinita)

Il-livelli ta' event tal-NPD miġburin f'tabella huma relatati ma' titjiriet f'livell kostanti u ġeneralment huma bbażati fuq kejliet li jsiru 1.2m fuq art livellata ratba taħt l-inġenju tal-ajru; il-parametru tad-distanza effettivament hija l-għoli mis-superfiċje. Kwalunkwe effett tas-superfiċje fuq livelli ta' storbju ta' event taħt l-inġenju tal-ajru, li jista' jikkaġuna li l-livelli mniżżlin fit-tabella jvarjaw mill-valuri tal-kamp liberu [1], huwa supponut li huwa inerenti fid-dejta (jiġifieri fil-forma tar-relazzjonijiet tal-livell vs. id-distanza).

Fuq il-ġenb tar-rotta tat-titjira, il-parametru tad-distanza huwa d-distanza oblika minima — it-tul tan-normal mir-riċevitur sar-rotta tat-titjira. Fi kwalunkwe pożizzjoni laterali, ġeneralment il-livell ta' storbju ser ikun inqas milli fl-istess distanza eżatt taħt l-inġenju tal-ajru. Minbarra d-*direttività laterali* jew l-'effetti tal-installazzjoni' deskritti hawn fuq dan huwa dovut għal *attenwazzjoni laterali* eċċessiva li twassal sabiex il-livell ta' pressjoni tal-ħoss jinżel b'rata iktar mgħaġġla mad-distanza milli kif indikat mill-kurvi tal-NPD. Metodu preċedenti użat spiss għall-immudellar tal-propagazzjoni laterali tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru ġie żviluppat mis-Society of Automotive Engineers (SAE) fl-AIR-1751 u l-algoritmi deskritti iktar 'il quddiem huma bbażati fuq titjib li llum tirrakkomanda l-SAE, AIR-5662. L-attenwazzjoni laterali hija effett ta' riflessjoni, dovut għall-interferenza bejn ħoss radjat direttament u dak li jirrifletti mis-superfiċje. Tiddependi mill-għamla tas-superfiċje u tista' tikkaġuna tnaqqis sinifikanti fil-livelli ta' pressjoni tal-ħoss osservati

[1] Livell ta' "kamp liberu" huwa dak li jkun osservat li kieku s-superfiċje tal-art ma kinitx hemm.

▼**M2**

f'angoli ta' elevazzjoni baxxi. Hija affettwata ħafna wkoll mir-rifrazzjoni tal-ħoss, kostanti u mhux kostanti, ikkaġunata mir-riħ u l-gradjenti tat-temperatura u t-turbolenza li huma stess huma attribwibbli għall-preżenza tas-superfiċje (1). Il-mekkaniżmu tar-riflessjoni tas-superfiċje huwa mifhum sew u, għal kundizzjonijiet atmosferiċi u tas-superfiċje uniformi, jista' jiġi deskritt teoretikament b'ċerta preċiżjoni. Madankollu, nuqqasijiet ta' uniformità atmosferiċi u tas-superfiċje — li mhumiex emendabbli għal analiżi teorika sempliċi — għandhom effett profond fuq l-effett ta' riflessjoni, b'tendenza li "jifirxuh" għal angoli ta' elevazzjoni ogħla; b'hekk, it-teorija għandha applikabbiltà limitata. Il-ħidma tal-SAE biex tiżviluppa fehim aħjar dwar l-effetti tas-superfiċje għadha għaddejja u hija mistennija twassal għal mudelli aħjar. Sakemm jiġu żviluppati, hija rrakkomandata l-metodoloġija li ġejja, deskritta fl-AIR-5662, għall-kalkolu tal-attenwazzjoni laterali. Hija limitata għall-każ ta' propagazzjoni ta' ħoss fuq art livell ratba li hija xierqa għall-maġġor parti tal-ajruporti ċivili. Għadhom qed jiġu żviluppati aġġustamenti li jqisu l-effetti ta' superfiċje iebsa tal-art (jew, akustikament ekwivalenti, l-ilma).

